**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**RIKORS GURAMENTAT NRU. 39/2003 JVC**

**Clementa mart Vincent Xuereb; Angelo Debono; Joseph Debono; Maria mart Alfred Attard; Mary mart Charles Grima; Grezzju Attard; Mary mart John Vella; Doris mart George Fenech; Concetta mart Joseph Mercieca u b'digriet tas-27 t'Ottubru 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo Mercieca, Guza Mercieca, Rita Xuereb, Stella Camilleri, Rose Grima u Doris Xuereb stante l-mewt ta' Concetta Mercieca fil-mori tal-kawza, ilkoll rapprezentati minn Carmel Mercieca ta' St. Joseph, Triq San Guzepp, Qala, Ghawdex; Carmela mart Angelo Said; Maria mart Frank Grima; Rosa mart Frank Cremona; Karmnu Xerri; Rosa mart Emanuel Xuereb; Guzeppi Xerri; Pawlu Xerri; Emmanuel Xerri; Toni Xerri; Rita mart Joe Mizzi; Giuseppa xebba Xerri; MaryRose mart Joseph Xuereb u b'digriet tat-2 t'Ottubru 2009 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joe Xuereb, Charmaine Bugeja, Christopher Xuereb u Joseph Christian Xuereb ilkoll rapprezentati minn Charmaine mart Joseph Bugeja stante l-mewt ta' l-attrici Mary Rose Xuereb fil-mori tal-kawza; Frans Cassar; Joseph Cassar; Paul Cassar; Toni Cassar; Carmela mart Kelinu Agius; Concetta mart Angelo Mifsud; Maria mart John Fiteni; Emanuel Mizzi u b'digriet tal-15 t'Ottubru 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Nazzareno Mizzi, Joseph Mizzi, Carmel Mizzi, Mario Mizzi, Albert Mizzi, Mary mart Raymond Mifsud u Noel Mizzi ilkoll rapprezentati minn Carmel Mizzi ta' Holy Family, Triq l-Isqof**

**Baldassare Cagliares, Qala, Gozo; John Spiteri; Antoinette mart Gregory Broutzac; Michelina mart Lawrence Xerri; Carolina mart John Spiteri; Joseph Buttigieg; Carmel Buttigieg; MaryRose mart Alfred Xerri; Michael Buttigieg; M'Antonia mart Emanuel Buttigieg; Mario Buttigieg; Michael Buttigieg; Frank Buttigieg; Anthony Buttigieg; Josephine xebba Buttigieg; Guzeppa mart Michael Camilleri; Frans Buttigieg; Grace mart Anthony Vassallo; Michelina mart Nazzareno Vella; Carolina mart Anthony Agius; Maria mart Angelo Cefai; Frans Attard; Giuzepp Borg kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Rose mart Vincent Demanuele; Emanuel Grima ghan-nom ta' Mary mart Charles Grima; u Frank Borg kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Agnes mart Dennis Saliba, John Borg, Esther mart John McPhee, Mary mart Ralph Ross, John Borg, Linda mart James Whitlock, Joanne Dolores mart Francis Pardy, Rose mart Joseph Petraitis, Frank Bacchiani, Joseph Borg, Jeremy Borg, Amanda mart Anthony Irving, Joseph Cordina, Dolores mart Marshall Barrash, MaryAnne mart Brian Sutton, Paul Attard, John Attard, Judy mart Woody William Best, Joseph Borg, Helen mart William Fuchs, Jimmy Borg, Joseph Borg**

**Vs**

**Rose mart Angelo Muscat u Josephine xebba Buttigieg**

**Illum it-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat ic-Citazzjoni tal-Atturi prezentata fit-30 ta' April 2003 fejn ippremettew kif isegwi:-

Illi fis-sittax (16) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u erbatax (1914) miet fin-Nadur Ghawdex Francis Buttigieg iben Giuseppe imwieled u kien residenti Nadur, Ghawdex filwaqt li fil-hamsa (5) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u erbgha u ghoxrin (1924) mietet fl-istess Nadur martu Rosa nee' Magro bint Francesco imwielda u kienet residenti Nadur, Ghawdex.

Illi l-eredita' ta' l-istess konjugi Buttigieg iddevolviet skont testment tas-sitta (6) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u erbatax (1914) fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi kwantu ghal sest (1/6) kull wiehed a favur tal-hames uliedhom Salvu, Pawlu, Joseph, Ganni, u Maria mizzewga lil Peter Mizzi u kwantu ghall-parti minn erbgha u ghoxrin parti (1/24) a favur ta' ulied binthom Carmela mart Ganni Vella, cioe' Clementa mart John Mary Borg, Maria mart Grezzju Attard, Giuseppa mart Rosario Cordina u Rosina mart Pawlu Borg, l-erbgha ahwa Vella.

Illi l-imsemmi Salvu Buttigieg iben Francis miet guvni fil-hdax (11) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u erbgha u ghoxrin (1924) u l-eredita' tieghu giet regolata skont testment fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi ta' l-erbatax (14) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u erbgha u ghoxrin (1924) li permezz tieghu hatar bhala eredi universali tieghu lil hutu Ganni u Guzeppi Buttigieg.

Illi l-imsemmi Pawlu Buttigieg iben Francis miet fit-tlettax (13) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u sitta u ghoxrin (1926) u l-eredita' tieghu giet regolata skont testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-tmienja (8) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u sitta u ghoxrin (1926) li permezz tieghu hatar bhala eredi lil hutu l-ohra Giuseppi, Ganni u Maria mart Peter Mizzi u lil ulied ohtu Carmela mart Ganni Vella.

Illi l-imsemmi Giuseppi Buttigieg miet guvni fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u tletin (1939) u l-eredita' tieghu ghaddiet a favur ta' huh Ganni Buttigieg skont testment tas-sittax (16) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u sebgha u tletin (1937) fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi.

Illi l-imsemmi Ganni Buttigieg miet fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) u l-eredita' tieghu ghaddiet a favur ta' uliedu Rose mart Angelo Muscat u Josephine xebba Buttigieg.

Illi l-imsemmija Carmela mart Ganni Vella mietet fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u ghaxra (1910) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' uliedha cioe' Clementa mart John Mary Borg, Maria mart Grezzju Attard, Giuseppa mart Rosario Cordina u Rosina mart Pawlu Borg.

Illi mill-ulied u successuri ta' Francis Buttigieg u Rosa nee' Magro, l-imsemmija Maria mart Peter Mizzi mietet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u ghoxrin (1928) u l-

eredita′ taghha ghaddiet a favur ta′ l-erba′ uliedha Rosa mart Joseph Xerri, Carmela mart Charles Mizzi, Francis u Josephine mart Anthony Attard.

Illi mill-imsemmija wlied u successuri ta′ Carmela mart Ganni Vella, Clementa mart John Mary Borg mietet fis-sbatax (17) ta′ Mejju ta′ l-elf disa′ mija u sebghin (1970) u l-eredita′ taghha ghaddiet a favur ta′ uliedha Carmela mart John Mary Debono, Anthony, Edward, Joseph, John u Frans.

Illi mill-imsemmija eredi ta′ Clementa mart John Borg, Carmela Debono mietet fis-sebgha (7) ta′ Novembru ta′ l-elf disa′ mija u tlieta u disghin (1993) u l-eredita′ taghha ghaddiet a favur ta′ uliedha Clementa mart Vincent Xuereb, Angelo, Joseph, Maria mart Alfred Attard, u Agnese mart Dennis Saliba.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta′ Clementa mart John Borg, Anthony Borg miet fis-sbatax (17) ta′ Jannar ta′ l-elf disa′ mija u tlieta u disghin (1993) u l-eredita′ tieghu ddevolviet a favur ta′ uliedu Jimmy, Joseph u Helen mart William Fuchs.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta′ Clementa mart John Borg, Edward Borg miet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta′ Awissu ta′ l-elf disa′ mija u tmienja u tmenin (1988) u l-eredita′ tieghu ghaddiet a favur ta′ uliedu Jeremy u Amanda mart Anthony Irving.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Carmela mart Ganni Vella, Giuseppa mart Rosario Cordina mietet fis-sebgha (7) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Joseph u Mary mart Charles Grima.

Illi permezz ta' kuntratt tat-tletin (30) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u sitta u ghoxrin (1926) atti tan-Nutar Dottor Francesco Gauci l-imsemmija Giuseppa mart Rosario Cordina bint il-mejta Carmela Vella bieghet a favur ta' l-imsemmija Giovanni u Giuseppe Buttigieg id-drittijiet kollha taghha fuq l-eredita' ta' ommha Carmela.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Carmela mart Ganni Vella, Maria mart Grezzju Attard mietet fis-sebgha (7) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u erbghin (1940) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha John u Paul.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Maria mart Grezzju Attard, John Attard miet fl-ghoxrin (20) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u l-eredita' tieghu ddevolviet a favur ta' uliedu John, Paul, Dolores mart Marshall Barrash, Judy mart Woody William Best u MaryAnne mart Brian Sutton.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Maria mart Grezzju Attard, Paul Attard miet fil-erbgha (4) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u l-eredita' tieghu ddevolviet a favur ta' uliedu Grezzju, Mary mart John Vella u Doris mart George Fenech.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Carmela mart Ganni Vella, Rosina mart Paul Borg mietet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta Dicembru ta' l-elf disa' mija u disghin (1990) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha John, Joseph, Mary mart Ralph Ross, Carmela mart Frank Bacchiani u Esther mart John McPhee.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rosina mart Paul Borg, Carmela mart Frank Bacchiani mietet fil-hmistax (15) ta' Ottubru ta' l-elfejn u wiehed (2001) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Rose mart Joseph Petraitis, Joanne Dolores mart Francis Pardy, Linda mart James Whitlock u Frank.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Maria mart Peter Mizzi, Rose mart Joseph Xerri mietet fit-tletin (30) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u tmienja u tletin (1938) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' uliedha Guseppa mart Michael Buttigieg, Maria Assunta mart Ganni Buttigieg, Toni, Carmela mart Carlo Borg, Angela mart Angelo Cassar u Concetta mart Joseph Mercieca.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rose mart Joseph Xerri, Giuseppa mart Michael Buttigieg mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebghin (1970) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' uliedha Carmela mart Angelo Said, Maria mart Frank Grima u Rosa mart Frank Cremona.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rose mart Joseph Xerri, Maria Assunta mart Ganni Buttigieg mietet fit-tletin (30) ta' Marzu ta'

l-elf disa' mija u tmenin (1980) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' uliedha Josephine xebba u Rosa mart Angelo Muscat.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rose mart Joseph Xerri, Toni miet fit-tlettax (13) t'April ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u l-eredita' tieghu ddevolviet a favur ta' uliedu Karmnu, Rosa mart Emanuel Xuereb, Guzeppi, Pawlu, Emmanuel, Toni, Rita mart Joe Mizzi u Giuseppa xebba.

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rose mart Joseph Xerri, Carmela mart Carlo Borg mietet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April ta' l-elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Giuzepp u MaryRose mart Joseph Xuereb;

Illi mill-imsemmija ulied u successuri ta' Rose mart Joseph Xerri, Angela mart Angelo Cassar mietet fl-erbgha (4) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Frans, Joseph, Paul, Toni, Carmela mart Kelinu Agius, Concetta mart Angelo Mifsud, Rosa mart Vincent Demanuele, u Maria mart John Fiteni.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Maria mart Peter Mizzi, Carmela mart Charles Mizzi mietet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sitta u sittin (1966) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Joseph, Frans, Emanuel, Peter, Mary mart Anthony Buttigieg, u Geswalda mart Salvu Buttigieg.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Carmela mart Charles Mizzi, Joseph Mizzi miet guvni fl-ghoxrin (20) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u sebgha u tletin (1937) u l-eredita' tieghu ddevolviet a favur ta' hutu Frans, Emanuel, Peter, Mary mart Anthony Buttigieg u Geswalda mart Salvu Buttigieg.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Carmela mart Charles Mizzi, Frans Mizzi miet guvni u ntestat fid-dsatax (19) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u erbghin (1940) u l-eredita' tieghu ddevolviet a favur ta' hutu Emanuel, Peter, Mary mart Anthony Buttigieg u Geswalda mart Salvu Buttigieg.

Illi mill-imsemmija ulied u eredi ta' Carmela mart Charles Mizzi, Geswalda mart Salvu Buttigieg mietet fit-tmienja (8) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Guzeppa mart Michael Camilleri, Frans, Grace mart Anthony Vassallo, Michelina mart Nazzareno Vella u Carolina mart Anthony Agius.

Illi permezz ta' kuntratt tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u tletin (1931) atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Grech, l-imsemmija ulied u successuri ta' Maria mart Peter Mizzi, u cioe' Rosa mart Joseph Xerri, Carmela mart Charles Mizzi, Francis u Josephine mart Anthony Attard bieghu part minn sehemhom lil fuq imsemmija Giuseppe u Giovanni Buttigieg mis-segwenti proprjeta' li tifforma parti mill-eredita' ta' Francis Buttigieg u martu Rose nee' Magro li huma:-

a) Bicca raba′ maghrufa bhala "Ta Grunju" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, bil-kejl ta′ cirka erba′ sieghan li tikkonfina min-nofsinhar mat-triq, punent u tramuntana ma′ proprjeta′ ta′ Giuseppe Buttigieg u mill-lvant ma′ proprjeta′ ta′ Maria Buttigieg;
b) Bicca raba′ maghrufa bhala "Ta′ Grunju" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex, bil-kejl ta′ cirka hames sieghan li tikkonfina min-nofsinhar mat-triq, punent u tramuntana ma′ proprjeta ′ ta′ Giuseppe Buttigieg u lvant ma′ proprjeta′ ta′ Francesco Buttigieg;
c) Bicca raba′ maghrufa bhala "Ta′ Hatar" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex tal-kapacita′ ta′ cirka zewg sieghan u li tikkonfina min-nofsinhar ma′ entrata, punent u tramuntana ma′ proprjeta′ ta′ Giuseppe Buttigieg u lvant ma′ beni ta′ Maria Buttigieg;
d) Bicca art maghrufa bhala "Ta′ Hatar" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex, bil-kejl ta′ cirka zewg sieghan u konfinanti lvant u nofsinhar ma′ proprjeta′ ta′ Giuseppe Buttigieg, tramuntana ma′ proprjeta′ ta′ Maria Buttigieg u punent ma′ proprjeta′ ta′ Giuseppe Camilleri;
Sest indiviz tal-lok ta′ djar fin-Nadur, Ghawdex, bin-numru tlieta u tmenin (83) fi Triq Xandriku, konfinanti mit-tramuntana mat-triq, lvant ma′ beni ta′ Carmelo Camilleri, punent ma′ proprjeta′ ta′ Giuseppe Camilleri.

Illi mill-imsemmija eredi ta′ Carmela mart Charles Mizzi, Peter Mizzi miet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta′ Jannar ta′ l-elf disa′ mija u hamsa u tmenin (1985) u l-eredita′ tieghu ddevolviet a favur ta′ uliedu Rosa mart Carmelo Spiteri u Charles.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Peter Mizzi, Charles Mizzi miet intestat fit-tletin (30) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u l-eredita' tieghu ghaddiet a favur ta' ohtu, Rose mart Carmelo Spiteri.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Peter Mizzi, Rosa mart Carmelo Spiteri mietet fit-tnax (12) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' uliedha John u Antoinette mart Gregory Broutzac.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Carmela mart Charles Mizzi, Maria mart Anthony Buttigieg mietet fit-tletin (30) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u hamsin (1951) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Michelina mart Lawrence Xerri, Carolina mart John Spiteri, Joseph, Carmel, MaryRose mart Alfred Xerri, Michael, Frances mart Manwel Buttigieg u M'Antonia mart Emanuel Buttigieg.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Maria mart Anthony Buttigieg, Frances mart Manwel Buttigieg mietet fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Mario, Michael, Frank, Anthony u Josephine, xebba.

Illi mill-imsemmija eredi ta' Maria mart Peter Mizzi, Frans Mizzi miet guvni fil-hmistax (15) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) u l-eredita' tieghu giet regolata permezz ta' testment tat-tmintax (18) ta' April ta' l-elf disa' mija u tlieta u hamsin (1953) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo li permezz tieghu hatar bhala eredi tieghu lil ohtu Guseppa mart Anthony Attard.

Illi mill-imsemmija ulied u eredi ta' Maria mart Peter Mizzi, Guzeppa mart Anthony Attard mietet fil-hamsa (5) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u disghin (1990) u l-eredita' taghha ddevolviet a favur ta' uliedha Maria mart Angelo Cefai u Frans.

Illi mill-eredi fuq imsemmija, permezz ta' zewg kuntratti, wiehed tal-hmistax (15) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) u l-iehor tat-tmintax (18) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) it-tnejn atti tan-Nutar Dottor Angelo Cauchi, Clementina Borg mart John Mary Borg, Rosina mart Pawlu Borg, Maria mart Grezzju Attard, ilkoll ahwa Vella, Rosa armla ta' Giusepp Xerri u Carmela armla ta' Charles Mizzi, ahwa Mizzi, (permezz ta' l-ewwel kuntratt imsemmi) u Giuseppa u Francesco ahwa Mizzi (permezz tat-tieni kuntratt imsemmi) ittrasferew lil Giuseppi u Giovanni Buttigieg, id-drittijiet lilhom spettanti fuq il-proprjetajiet segwenti fin-Nadur, Ghawdex:-

a. Zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl komplessiva ta' cirka tomna: l-ewwel porzjon tikkonfina mill-punent ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Salvatore Caruana, lvant ma' proprjeta' ta' Salvatore Debono u nofsinhar ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Giusepp Camilleri, u t-tieni porzjon tikkonfina mil-lvant ma' triq pubblika, punent ma' beni ta' l-eredi ta' Giusepp Borg, u mit-tramuntana ma' beni ta' Antonio Buttigieg;

b. Zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Ta' Hatar" tal-kejl komplessiv ta' erba' sieghan, wahda tikkonfina mit-tramuntana ma'

proprjeta′ ta′ Maria Grech, punent ma′ proprjeta′ ta′ l-eredi ta′ Giusepp Camilleri u lvant ma′ proprjeta′ ta′ Salvatore Camilleri, u l-ohra tikkonfina mil-lvant ma′ proprjeta′ ta′ Alfonso Vella, nofsinhar ma′ proprjeta′ ta′ l-eredi ta′ Salvatore Camilleri u punent ma′ proprjeta′ ta′ l-eredi ta′ Francesco Buttigieg;

c. Porzjon ta′ art maghrufa bhala Ta Grunju tal-kejl ta′ cirka erba′ sighan li tikkonfina mil-lvant ma′ beni ta′ l-eredi ta′ Francesco Buttigieg, mit-tramuntana ma′ beni ta′ l-eredi ta′ Dottor Paolo Sammut u min-nofsinhar ma′ beni ta′ Gio Battista, Franceso u Carmela Buttigieg;

d. Fond fi Triq il-Buskett b′numru mhux maghruf b′gardina annessa mieghu mit-tramuntana ta′ cirka zewg sighan, kollox jikkonfina mill-punent ma′ Triq il-Buskett, tramuntana ma′ beni ta′ Grazio Mercieca u lvant ma′ beni ta′ Angelo Camilleri;

e. Siegh raba maghruf bhala "Ta′ Grunju" li jikkonfina mil-lvant ma′ beni ta′ Francesco Buttigieg, punent mat-triq, u mit-tramuntana ma′ beni ta′ Giuseppe Cremona.

Illi konsegwentement l-ereditajiet ta′ l-imsemmija Francis Buttigieg u Rosa nee′ Magro il-partijiet jippossjedu diversi beni in komun bejniethom fil-kwoti li jirrizultaw mill-anness Dokument JJ salv ghal dawk il-proprjetajiet specifici li gew ttrasferiti bejn il-partijiet.

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu iktar fl-istat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Francis u Rosa konjugi Buttigieg u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Tiddikjara li l-istess beni huma pposjeduti mill-kontendenti fil-kwoti rizultanti mill-istess Dokument JJ jew kwoti iktar korretti li jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna d-divizjoni ta' l-assi ereditarji msemmija skont il-kwoti hekk stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att opportun ta' divizjoni f'data, hin u lok kif jigi determinat minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi deputati mahtura minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

5. Kemm–il darba l-beni oggett ta' din il-kawza, jew uhud minnhom, jirrizultaw illi m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' l-istess u r-rikavat jigi percepit bejn il-kontendenti skont il-kwoti hekk iffissati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-15 ta` Ottubru 2001 u 26 ta' Ottubru 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-23 ta' Mejju 2003, li permezz taghha l-konvenuti eccepew li:

1. Preliminarjament l-atturi jridu jikkonfermaw illi kienu l-atturi kollha ndikati li taw il-kunsens taghhom sabiex tigi pprezentata din il-kawza f'isimhom u dan stante li hemm indikazzjonijiet cari li whud mill-atturi jew ma jafux b'din il-kawza jew inkella qatt ma taw il-kunsens taghhom sabiex issir din il-kawza f'isimhom;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-divizjoni mitluba mill-atturi salv illi jigu verifikati l-assi in divizjoni u salv illi jigu verifikati wkoll il-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u kwindi ma ghandhom ihallsu l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza;

3. Illi l-atturi bl-ebda mod ma jistghu wara dawn is-snin kollha jippretendu li jidhlu fid-divizjoni mitluba minnhom xi proprjetajiet li lhom f'idejn il-konvenuti jew il-genituri taghhom ghal snin twal u li dwarhom qatt ma kien hemm kontestazzjoni;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kif debitament awtorizzata mill-Qorti datata 8 ta' Ottubru, 2008 li permezz taghha l-konvenuti eccepew kif isegwi:-

1. hekk kif permessa minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet taghha tat-2 ta' Ottubru, 2008, l-esponenti jixtiequ jeccepixxu l-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali abbazi ta' l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Rat id-dokumenti, affidavits, xhieda, noti bil-gurament, rapporti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta datata l-10 ta' Awwissu 2009 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali abbazi ta' l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili liema eccezzjoni giet michuda;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta datata l-11 ta' Ottubru, 2013 li nghatat wara li l-partijiet talbu li l-Qorti taghti sentenza in parte fejn jigi stabbilit jekk is-sehem illi ddevolva fuq Giuseppa Cordina mill-wirt ta' Pawlu Buttigieg giex trasferit lill-konvenuti jew ghadux jappartjeni lill-atturi (ara fol. 949). F'din id-decizjoni gie deciz li s-sehem li ddevolva fuq Giuseppa Cordina mill-wirt ta' Pawlu Buttigieg ma giex trasferit lill-predecessuri fit-titolu tal-konvenuti permezz tal-kuntratt tat-30 ta' Mejju 1926 u kwindi ghadu jappartjeni lill-eredi ta' Giuseppa Cordina.

Rat ir-rapporti tal-espert legali Dr. Paul Cachia a fol. 829 (ara d-digriet a fol. 244 tal-process nominat flimkien mal-Perit Alan Saliba) nominat sabiex jistabbilixxi l-konsistenza tal-proprjeta', u d-diversi rapporti u risposti in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Carmelo Galea (nominat fl-

ewwel lok permezz tal-verbal datat 16 ta' Jannar, 2014 a fol. 981 sabiex jistabbilixxi l-ishma spettanti lil kull parti fil-kawza mill-proprjetajiet imsemmija fin-nota ta' l-atturi datata 18 ta' Novembru, 2013 u n-nomina giet estiza fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2017 (fol. 1222)) li jinsabu fost ohrajn a fol. 991 et seq, 1069 et seq, 1078 et seq, 1086 et seq, 1135 et seq, 1181 et seq u r-rapport finali a fol. 1239 et seq tal-process.

Rat ir-rapporti tal-Perit Tekniku l-Perit Joe Grech a fol. 1156 et seq u fol. 1192 et seq li gie nominat permezz ta' digriet datat 11 ta' Frar, 2016 (fol. 1133) bl-inkarigu gie estiz permezz tal-verbal datat 20 ta' April, 2016 (fol. 1151) u d-digriet datat 14 ta' Lulju, 2016 (fol. 1176).

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Lulju 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet pprezentati fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza titratta l-qasma tal-gid li kien ta' Francis u martu Rose konjugi Buttigieg li mietu fis-16 ta' Ottubru 1914 u fil-5 ta' Mejju 1924 rispettivament. Huma kellhom sitt itfal u s-successjoni taghhom hija regolata b'testment unica charta li sar fis-6 ta' Lulju 1914 (ara fol. 424)

li permezz tieghu, salv ghal dik il-proprjeta' li thalliet bi prelegat (ara artikolu 3) l-eredita' taghhom iddevolviet f'parti minn sitta (1/6) favur kull wiehed minn uliedhom Salvu, Pawlu, Guzeppi, Ganni u Maria mizzewwga lil Peter Mizzi u parti minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wiehed favur ulied binthom il-mejta Carmela mart Ganni Vella u cioe' Clementina mart John Borg, Maria mart Grezzju Attard, Giuseppa mart Rosario Cordina u Rosina mart Pawlu Borg ahwa Vella.

Illi jirrizulta li mis-sitt ulied tat-testaturi Francis u Rosa Buttigieg, tlieta minnhom cioe' Salvu, Pawlu u Guzeppi mietu *improle*. L-atturi fil-kawza odjerna huma d-dixxendenti tal-ulied l-ohra tat-testaturi Buttigieg u cioe' Maria Mizzi u Carmela Vella (ara dokument a fol. 116 tal-process) filwaqt li l-konvenuti Rosa Muscat u Josephine Buttigieg huma ulied bin l-iehor tat-testatur Ganni Buttigieg.

Fil-kawza odjerna jirrizulta li d-dizgwid principali bejn il-partijiet kien dwar il-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Francis u Rosa konjugi Buttigieg w'ghalhekk il-bzonn tan-nomina ta' diversi esperti legali u teknici. Kien ukoll minhabba dan il-fattur li din il-kawza ttawlet mill-partijiet ghal bosta snin.

Illi fil-mertu skont it-testment fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi tas-6 ta' Lulju 1914 esebit bhala Dokument B mac-citazzjoni (fol. 25), Francesco Buttigieg u martu Rosa nee' Rapa:

i. hallew diversi legati piji; u ggravaw b'piz perpetwu l-art fil-kuntrada ta' Grunju tal-kejl ta' madwar tliet itmien tliet sighan u hames kejliet li t-testatur kien akkwista bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Cauchi tal-erbgha ta' April elf disa' mija u sebgha (4.4.1907).

ii. komplew billi hallew b'titolu ta' prelegat lil uliedhom Giuseppi, Giovanni u Salvatore, ugwalment bejniethom, il-lok ta' djar fin-Nadur, Ghawdex fi Triq San Gakbu, kantuniera ma' Triq Hatar bil-gnien anness mieghu min-naha tal-lvant u nofsinhar; kif ukoll zewg porzjonijiet art fi Triq Hatar, separati minn xulxin, wahda tal-kejl ta' cirka nofs tomna u l-ohra ta' cirka tomnejn.

iii. Finalment hatru bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha, u cjoè Giuseppe, Giovanni, Salvatore, Paolo, Maria moglie di Pietro Mizzi, *"in capi"* u n-neputijiet taghhom *ex figlia defunta* Carmela cjoè Rosina mart Paolo Borg, Clementa mart GioMaria Borg, Maria mart Grazio li kunjomu ma ftakruhx u Giuseppa *"in stirpes"*.

Illi skont id-denunzja ta' Rosa Buttigieg, ezebita bhala dokument A (fol. 20) mac-citazzjoni, l-assi taghha kienu jikkomprendu:

a. Id-dar numru 33, Triq San Gakbu, Nadur bil-gardina annessa maghha ta' cirka sighajn;

b. Id-dar fi Triq Xandriku Nadur, minghajr numru;

c. Zewg porzjonijiet art fin-Nadur, Triq Hatar, wahda ta' tomna u erba' sighan, u l-ohra ta' madwar nofs tomna;

d. Porzjon art ta′ madwar hmistax-il siegh maghrufa bhala Ta′ Grunju, fin-Nadur, suggetta ghal cens perpetwu ta′ Lm1.27c5 u Lm0.15

e. Porzjon art ta′ madwar hmistax-il siegh maghrufa bhala Ta′ Grunju, fin-Nadur suggetta ghal cens annwu u perpetwu ta′ xelin u tmien soldi.

f. Porzjon art ta′ madwar erbat itmien maghrufa bhala Ta′ Grunju, fin-Nadur suggetta ghal cens perpetwu ta′ xelin u tmien soldi

g. Porzjon art ta′ madwar tomnejn maghrufa bhala Ta′ Grunju, fin-Nadur libera u franka;

h. Porzjon art Ta′ Kusbejja ta′ tomna, libera u franka.

i. Porzjon art Tal-Gebel l-Ahmar, ta′ tomna suggetta ghal pagament annwu ta′ sitt xelini u sitt soldi.

j. Porzjoni art Tal-Michli sive Ta′ Fejn ta′ Deunis, fin-Nadur, minghajr indikazzjonijiet ulterjuri;

k. Siegh raba Tal-Hanak

l. Sighajn raba Tal-Gebel l-Ahmar suggett ghal pagament annwu ta′ nofs lira;

m. Hames sighan artijiet ta' Giswa suggetti ghal cens temporanju li kien fadallu hmistax-il sena biex jaghlaq ta' hdax-il xelin.

n. Nofs tomna raba tar-Ramla, Nadur suggetti ghal parti minn cens annwu;

o. Zewg sighan art Tal-Hniena limiti ta' Xewkija suggetti ghal cens ta' tliet xelini u erba' soldi u moghtija subcens ghal tliet generazzjonijiet.

p. Siegh raba Tat-Tigrija, Nadur suggett ghal cens ta' nofs lira.

Bis-sahha ta' testment fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi tal-14 ta' Lulju elf disa' mija erbgha u ghoxrin (1924) esebit bhala Dokument C (fol. 36) mac-citazzjoni, Salvatore Buttigieg bin l-imsemmi Francesco, wara li halla xi pizijiet ghal quddies, halla bhala eredi universali tieghu lil hutu Giuseppe u Giovanni ugwalment bejniethom.

Bis-sahha ta' testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-8 ta' Lulju elf disa' mija sitta u ghoxrin (1926) esebit bhala Dokument D (fol. 36) mac-citazzjoni, Paolo Buttigieg bin l-imsemmi Francesco, u martu Maria nee' Cassar wara li hallew xi pizijiet ghal quddies, u hallew l-uzu u l-uzufrutt generali tal-assi taghhom kollha lil xulxin hallew bhala eredi universali tieghu lil qrabathom. Fil-fatt fit-tlettax-il artikolu ordnaw li "istituiscono loro eredi universali i proprii rispettivi consanguine e cioè detto tesatore i proprii consanguinei piu

vicini e detta testatrice i proprii consanguninei prossimi cioè nell'ordine stabilito dalla legge nella succession ab intestato."

Skont in-nota ta' insinwa esebita bhala dokument E (fol. 44) mac-citazzjoni Giuseppa mart Rosario Cordina, bint Giovanni Vella cediet favur Giuseppe u Giovanni ahwa Buttigieg ulied Francesco "di lei diritti sulla eredità di sua madre Carmela moglie di Giovanni Vella fu detto Francesco Buttigieg."

Id-dokument F (fol. 45) esebit mac-citazzjoni hija d-denunzja ta' Paolo Buttigieg bin Francesco li miet fit-13 ta' Ottubru 1926. Skont dik id-denunzja, Paolo Buttigieg kellu:

i. Erba' sighan raba Ta Grunju suggetta ghal xelin cens annwu u perpetwu;
ii. Nofs indiviz minn dar fi Triq il-Buskett, Nadur, numru 15.
iii. Nofs indiviz minn tomnejn raba Ta' luka (?) Ghajnsielem;
iv. Nofs indiviz minn erbat itmien art tal-Kighan, f'Ghajnsielem;
v. Nofs indiviz minn erbat itmien art Ta' Xini, fin-Nadur, fil-kuntrada ta' Hida.
vi. Nofs indiviz minn sighan raba Ta' Grunju fin-Nadur.

Id-dokument G (fol. 48) huwa kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech, tal-24 ta' Settembru elf disa' mija wiehed u tletin (1931) li permezz tieghu, Francesco Mizzi, Rosa Scerri, Giuseppa xebba, u Carmela mart Carlo Mizzi, ulied Pietru Mizzi bieghu lil Giusepp u Giovanni Mizzi "i seguenti beni stabili:

a. Porzjon art "Ta' Grunju" fin-Nadur tal-kejl ta' cirka erba' sighan tmiss nofsinhar ma' triq punent u tramuntana ma beni ta' Giusepp Buttigieg; suggetta ghal sitt xelini u tmien soldi cens perpetwu u tliet soldi kull tliet snin lill-Università;

b. Porzjon art "Ta' Grunju" fin-Nadur tal-kejl ta' cirka hames sighan tmiss nofsinhar ma' entrata punent u tramuntana ma' beni ta' Giusepp Buttigieg u lvant ma' beni ta' Francesco Buttigieg; suggetta ghal ghaxar soldi triennali lill-Università;

c. Porzjon art "Ta' Hatar" fin-Nadur tal-kejl ta' cirka sighajn, tmiss nofsinhar ma' entrata, punent u tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Buttigieg u lvant ma' beni ta' Maria Buttigieg, suggett ghal cens annwu u perpetwu ta' xelin u erba' soldi;

d. Porzjon art "Ta' Hatar" fin-Nadur tal-kejl ta' cirka sighajn, tmiss nofsinhar ma' entrata, lvant u nofsinhar ma' beni ta' Giuseppe Buttigieg u tramuntana ma' beni ta' Maria Buttigieg, libera u franka;

e. Sest indiviz minn lok ta' djar numru 83, Triq Xandriku, Nadur, lvant tramuntana ma' triq, lvant ma' beni ta' Carmelo Camilleri punent ma' beni ta' Giusepp Camilleri.

Bhala provenjenza hemm iccitat is-successjoni ta' Maria Mizzi "morta circa tre anni or sono e la denunzja della di lei eredità è stata fatta il di cinque del mese di April 1921".

Id-dokument H (fol. 57) huwa kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi tal-hmistax (15) ta' Awwissu elf disa' mija hamsa u tletin (1935) li permezz tieghu, Clementina mart Gio Maria Borg, Rosina

mart Paolo Borg, Maria mart Grazio Attard, ahwa ulied Giovanni Vella, Rosa armla ta' Giusepp Xerri, u Carmela armla ta' Carlo Mizzi, bieghu lil Giusepp u Gianni Buttigieg "tutti e singoli i diritti a loro come sopra spettanti sui seguenti stabiliti siti in questo Casale Nadur, cioè due porzioni di terra designate Tal-Gebel l-Ahmar della capacità complessiva di un tumolo circa confinano la prima da ponente con beni degli eredi di Salvatore Caruana, levante con beni di Salvatore Debono, e da mezzodi con beni delgi eredi di Giuseppe Camilleri, e l'altra da levante con strada pubblica ponente con beni degli eredi di Giuseppe Borg tramonana con beni ta' Antonio Buttigieg; altri due terreni designate "Ta' Hatar" della complessiva capacità di quattro mondelli, l'una confina da tramontana con beni di Maria Grech, ponente con beni degli eredi di Giuseppe Camilleri e da levante con beni degli eredi di Salvatore Camilleri, l'altra confina da levante con beni di Alfonso Vella, mezzodi con beni degli eredi di detto Salvatore Camilleri, e da ponente con beni degli eredi di detto Francesco Buttigieg, la terza detta Ta' Grunju confina da levante con beni dei suddetti eredi di Francesco Buttigieg, tramontana con beni degli eredi del Dottor Paolo Sammut e da mezzo con beni di Francesco e Gio Battista e Carmela Buttigieg di quattro mondelli circa e su un luogo di case in Strada Boschetto, con giardinetta di circa due mondelli circa congiuntavi da tramontana, il tutto confina da ponente con detta strada tramontana con beni di Grazio Mercieca e da levante con beni di Angelo Camillleri numero ignoto ed un mondello di terreno designato Ta' Grunju confina da levante con beni di Francesco Buttigieg ponente con strada, e da tramontana on beni ta' Giuseppe Caruana". Bhala provenjenza tissemma "eredità di Paolo Buttigieg

altro figlio del fu detto Francesco Buttigieg morto in questo Casale Nadur dal 1918 in quà – metà divisione seguita in atti del Magnifico Signor Notaro Francesco Refalo circa due anni orsono".

Id-dokument I (fol. 61) jikkonsisti fl-insinwa ta' kuntratt ta' cessjoni fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi maghmul minn Giuseppa xebba u Francesco ahwa Mizzi ulied Pietru lil Giusepp u Giovanni ahwa Buttigieg "dei diritti a loro spettanti sui seguenti stabili" u cjoè:

a. zewg porzjonijiet art "Tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl komplessiv ta' tomna l-ewwel wahda tikkonfina mill-punent ma' beni tal-eredi ta' Salvatore Caruana, lvant ma' beni ta' Salvatore Debono, u nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Giusepp Camilleri, u l-ohra mil-lvant ma' triq pubblika, punent mal-eredi ta' Guzepp Borg, u tramuntana ma' Antonio Buttigieg;
b. zewg porzjonijiet art "Ta' Hatar" tal-kejl komplessiv ta' 4 sieghan, wahda tikkonfina mit-tramuntana ma' beni ta' Maria Grech, mill-ponente ma' beni tal-eredi ta' Giuseppe Camilleri; l-ohra tikkonfina mil-lvant ma' beni ta' Alfonso Vella, nofsinhar ma' beni tal-eredi di detto Salvatore Camilleri, u mill-ponente ma' beni degli eredi di detto Francesco Buttigieg;
c. porzjon art Ta' Grunju ta' 4 sighan, tikkonfina mil-lvant ma' beni tal-eredi ta' Francesco Buttigieg, mit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Dottor Paolo Sammut u nofsinhar ma' beni ta' Francesco u Carmela Buttigieg;
d. il-lok ta' djar fi Strada Boschetto, con giardinetta di circa due mondelli circa congiuntavi da tramontana, il tutto confina da ponente

con detta strada tramontana con beni di Grazio Mercieca e da levante con beni di Angelo Camillleri numero ignoto u

e. un mondello di terreno designato Ta' Grunju confina da levante con beni di Francesco Buttigieg ponente con strada, e da tramontana on beni ta' Giuseppe Caruana

Id-dokument J (fol. 63) huwa testment maghmul fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi fis-16 ta' Gunju 1937 minn Giusepp Buttigieg bin Francesco li bih dan iddispona biss minn proprjetà li seta' kellu fl-Algerija.

Id-dokument K (fol. 65) huwa testment maghmul fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo fit-tmintax (18) ta' April elf disa' mija tlieta u hamsin (1953) minn Francesco Mizzi iben Pietru u Maria nee' Buttigieg li bih huwa stitwixxa bhala eredi universali tieghu lil ohtu Giuseppa mart Antonio Attard.

A fol. 132 et seq tal-process gie esebit affidavit tal-attrici Carmen Agius li tixhed li l-art "Tal-Barumbara" f'Ghajnsielem ta' cirka 1059.5m.k. u bicca ohra maghrufa bhala "Tal-Qanac" sive "Ta' Bordin" f'Ghajnsielem, li taghhom hija pprezentat pjanti bhala dokumenti CA1 u CA2 huma provenjenti mill-wirt ta' Francesco Buttigieg; illi dawn ir-raba kienu mqabblin ghand missierha; u li l-qbiela kienet tithallas lil Ganni Buttigieg – missier il-konvenuti, li hija tifhem li kien jamministrahom f'isem martu Maria Assunta Buttigieg, li hija wahda mill-eredi ta' Francesco Buttigieg. Hija ma tafx kif ir-raba spicca amministrat minn Ganni Buttigieg, izda fil-fehma taghha

"kulhadd kien jaf però li kellna sehem minnha u l-inqas kienet kollha ta' Maria Assunta Buttigieg." Sas-sena ta' qabel ma hija kkonfermat l-affidavit bil-gurament taghha (li kien fil-25 ta' Settembru 2003), l-qbiela kienet tithallas lil Rosa Muscat, li minnhom kienet tirritornalha hames centezmi mill-qbiela li kienet ghadha tingabar. Din ix-xhud issemmi wkoll diversi bicciet raba ohra li hija kienet kapaci tidentifikahom u turi precizament fejn jinsabu:

a. Erba' bicciet raba fl-inhawi ta' Grunju, n-Nadur li bicciet minnhom imqabbla ghand certu Patist Tabone u ohrajn ghand certu Ganni Camilleri;

b. Raba li jinsab f'idejn il-konvenuti Guzeppa Buttigieg u Rosa Muscat – wahda maghrufa bhala "Tal-Qedus" sive "Ta' Dahlet Qorrot";

c. Raba maghrufa bhala "Tat-Tigrija" li tinsab wara d-djar li hemm fi Triq it-Tigrija u tidhol ghaliha minn passagg. Tirrakkkonta dwar incident fl-2000 meta l-konvenuti kienu qablu li ssir divizjoni bonarja.

L-attrici l-ohra Concetta Mifsud ukoll xehdet bl-affidavit (a fol. 139) u taghmel riferenza, iktar konciza, ghall-istess raba li semmiet ix-xhud precedenti. Taghmel riferenza wkoll ghall-istess incident tas-sena 2000. Ma zzid xejn iktar ta' rilevanza.

Frank Borg, attur iehor, iben Clementa Vella, ipprezenta l-affidavit tieghu a fol. 147. Dan ix-xhud jirreferi ghall-fatt li l-konvenuti hadu f'idejhom uhud mill-proprjetajiet li hemm ghad-divizjoni u qed jirrifjutaw li jaqsmu l-wirt mal-atturi. Huwa jikkonferma li Ganni

Buttigieg, iz-ziju ta' ommu (iben Francesco Buttigieg u Rosa nee' Magro) kien jaghti somma flus kull sena lil Clementa Vella ghaliex huwa kien jokkupa l-proprjetajiet gejjin mill-wirt tal-genituri tieghu u anki sehemha minn flus migbura bhala kera jew qbiela. Kienet din il-persuna li hadet hsieb taghmel ir-ricerki dwar il-familja dejjem tikber iktar tal-konjugi Buttigieg. Minn dawn ir-ricerki, dan ix-xhud isostni li skopra li Francesco Buttigieg kien akkwista s-segwenti proprjetajiet:

a. Porzjon art "Ta' Hatar" fin-Nadur, tal-kejl ta' tomnejn u tliet sighan – 2811m.k. – tmiss lvant ma' beni ta' Giovanni Vella, u punent ma beni ta' Guzepp Borg – akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tat-28 ta' Jannar 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB1.

b. Art "Tal-Wileg" f'Ghajnsielem ta' cirka tomna, erba' sighan u kejla - 1893mk. – konfinanti lvant ma' beni ta' Francesco Caruana u punent ma' beni ta' Gio Maria Xerri – akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-5 ta' Frar 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB2.

c. Art "Tal-Kadus" fin-Nadur tal-kejl ta' cirka tomna, hames sighan u sitt kejliet – 2174m.k. – konfinanti mill-punent u nofsinhar mal-eredi ta' Giovanni Vella akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tad-9 ta' Frar 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB3.

d. Art "Tat-Triq tax-Xatt" Nadur, ta' cirka tliet sighan u tmien kejliet u tliet kwarti – 726m.k. – konfinanti mil-lvant ma' triq

pubblika, u tramuntana ma' Francesco Mercieca akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tad-9 ta' Frar 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB3.

e. Art maghrufa bhala "Ta' Gnien Musfar" fin-Nadur, Ghawdex, b'kejl ta' cirka tomna, siegh u zewg kejliet – 1349m.k. – konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Ganni Muscat u nofsinhar ma' Triq pubblika - akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tad-9 ta' Frar 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB3.

f. Zewg porzjonijiet art "Ta' Wied Bingemma" Nadur bil-kejl komplessiv ta' cirka erba' sighan u tmien kejliet – 889m.k. – konfinanti lvant ma' certu Antonio u punent ma' beni ta' Carmelo Sultana akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-5 ta' Marzu 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita mal-affidavit bhala Dok. FB4.

g. Zewg porzjonijiet art "Ta' Mulejja" fil-Qala, konfinanti mil-lvant ma' triq pubblika u nofsinhar ma' beni ohra tal-axxendent Frangesco Buttigieg, u l-ohra konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Salvatore Bartolo u nofsinhar ma' beni ohra tal-axxendent Frangesco Buttigieg, - akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-20 ta' Settembru 1899. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB5.

h. Zewg porzjonijeit art "Ta' Grunju" fin-Nadur, wahda bil-kejl ta' cirka tomna tliet sighan u hames kejliet u nofs – 1789m.k. – konfinanti nofsinhar ma' beni ohra tal-axxendent Frangesco Buttigieg, u nofsinhar mat-triq; u l-ohra tal-kejl ta' cirka tomna u sitt kejliet –

1237m.k. – konfinanti nofsinhar mat-triq u punent ma' Nicola Bonello - akkwistati bis-sahha ta' kuntratt tas-16 ta' Settembru 1900. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB7.

i. Porzjon art "Ta' Kuser" sive "Ta' Wied Biljun" fil-Qala ta' cirka siegh u nofs – 309m.k. – konfinanti nofsinhar u punent ma' beni ta' Maria Bartolo - akkwistata bis-sahh a ta' kuntratt tas-7 ta' Ottubru 1900. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB8.

j. Porzjon art "Ta' Grunju" fin-Nadur, tal-kejl ta' cirka tliet tomniet tliet sieghan u hames kejliet – 4028m.k. – konfinanti lvant ma' Guzepp Tabone nofsinhar ma' Triq Grunju u ma' Guzepp Tabone - akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-4 ta' April 1907. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB9.

k. Porzjon art "Ta' Kadus" f'Ghajnsielem tal-kejl ta' cirka zewg tomniet – 2248m.k. – konfinanti nofsinhar mat-triq punent mal-eredi ta' Giovanni Vella - akkwistata bis-sahha ta' subbasta fil-11 ta' Marzu 1910. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB10.

l. Art maghrufa bhala "Tal-Gebel l-Ahmar" fin-Nadur, ta' cirka sighan u zewg kejliet u nofs – 416m.k. – konfinanti mill-punent ma' beni ta' Carlo Mizzi u tramuntana ma' beni ta' Luigi Bondi akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-14 ta' Frar 1910. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB11.

m. Porzjon art "Tat-Tigrija" ta' cirka sieghu sitt kejliet – 300m.k. – konfinanti lvant ma' beni ta' Francesco Buttigieg u nofsinhar ma' beni ta' Coronato Said - akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tal-10 ta' Frar 1912. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB12.

n. Porzjon art "Ta' Hatar" fil-limiti ta' Nadur, tal-kejl ta' cirka tomna hames sighan u sitt kejliet - 2173m.k. – konfinanti mil-lvant ma' entrata u beni tal-istess Francesco Buttigieg u nofsinhar ma' beni ta' Giusepp Farrugia - akkwistata bis-sahha ta' kuntratt tad-9 ta' Dicembru 1913. Kopja tal-insinwa hija esebita bhala Dok. FB13.

Ghandu jinghad li dan ix-xhud ma kienx kapaci jindika din ir-raba kollha fejn tinsab imma pprezenta diversi pjanti (Dokumenti FB14 sa FB19) ta' uhud mir-raba akkwistati mill-antenati tieghu, li huwa kien kapaci jindika:

a. Id-dar fi Triq Xandriku.

b. Art tar-Ramla, tal-kejl ta' cirka 525m.k.; (FB14)

c. art Ta' Dahlet Qorrot – 1360m.k. (FB15)

d. art tal-Hawt sive Tal-Hnejja – 3800m.k., (FB16)

e. Art Tal-Hanaq – 1005m.k. (FB17)

f. Art tal-Qnac sive Ta' Bordin – 2250m.k. (FB18) – ghandu jigi rilevat però, li fl-affidavit ulterjuri esebit a fol. 192 tal-process, dan ix-xhud qal li din l-art ma tiffurmax parti mill-eredità "izda kienu proprjetà ta' Pawlu Buttigieg."

g. Art tal-Barumbara – 1027m.k. (FB19); ghandu jigi rilevat però, li fl-affidavit ulterjuri esebit a fol. 192 tal-process, dan ix-xhud qal li din l-art maa tiffurmax parti mill-eredità "izda kienu proprjetà ta' Pawlu Buttigieg."

h. Art Ta' Grunju – 5310m.k. (FB19);

i. Art Ta' Grunju – 1827m.k. (FB19);

j. Art Ta' Grunju – 5026m.k. (FB19);

k. Art Ta' Grunju –322m.k. (FB19);

Dan ix-xhud jaghti wkoll informazzjoni preciza, bid-dati b'kollox, dwar laqghat mal-konvenuti intizi sabiex tintlahaq divizjoni bonarja tal-assi.

A fol. 177 gie esebit l-affidavit ta' Maria mart Joseph Borg li tikkonferma li madwar is-sena 1994 hija kienet irceviet hamsa u sittin centezmu (65c) bhala hlas dovut lil zewgha Joseph Borg:

"peress li l-imsemmi Angelo Muscat flimkien ma' martu kienu jokkupaw il-proprjetajiet illi originarjament gejjin mill-ereditajiet ta' Frans Buttigieg u martu Rosa nee' Magro, u mil-liema proprjetajiet l-istess zewgi Joseph Borg ghandu sehem indiviz."

L-istess tixhed Maria Cefai (a fol. 178) li ssostni li Muscat kien ihallas tletin centezmu (30c) lil ommha Guzeppa Attard, u dan baqa' jaghmlu sas-sena 1977. Sehem ommha waqa' fuqha u fuq huha Francis Attard.

Illi Frank Borg gie sottopost ghal kontro-ezami fil-11 ta' Mejju 2004 (fol. 187 et seq). Huwa gie mistoqsi dwar kif jidentifika l-fondi li huwa jghid li huma in divizjoni u jsostni li dan jirrizulta kemm mid-denunzji kif ukoll minn kuntratti. Ipprometta li fi stadju ulterjuri jesebixxi kopja tal-kuntratti.

Ir-ragel tal-konvenuta Roza Muscat, u cjoè Angelo Muscat xehed permezz ta' affidavit a fol. 195 et seq tal-process. Huwa jsostni li matul iz-zmien Frank Borg ghamel diversi rikjesti guramentati imma skont dan ix-xhud huma "ukoll konfliggenti." Huwa jsostnu li "kemm ilni mizzewweg u cjoè madwar 40 sena (l-affidavit gie kkonfermat fil-5 ta' Ottubru 2004), jien dejjem kelli fil-pussess assolut tieghi r-raba kollu inkwistjoni." Imbaghad dan ix-xhud jghaddi sabiex jispecifika l-pussess dwar kull fond partikolari:

a. Id-dar 101, qabel 83, Triq Xandriku, Nadur: dan il-fond jinsab mikri – qabel lil certu John Bartolo, u llum il-gurnata minn certu John Attard filwaqt li parti minnu qeghdha f'idejn ix-xhud wara li hu wasal fi ftehim ma' Bartolo. Huwa jghid li John Attard kien ghamillu kawza biex ikeccih mill-fond (presumibbilment mill-parti okkupata minn Muscat wara l-ftehim ma' Bartolo) imma huwa rebah dik il-kawza. Informazzjoni ulterjuri dwar din il-kawza ma tinghatax. Huwa qatt ma accetta kera minghand Attard, peress li ma jirrikonoxxihx bhala inkwilin, u illum il-kera tigi ddepozitata l-Qorti kontra tieghu (x-xhud). Il-kera dejjem irceviha huwa minghand Joseph Bartolo u hadd qatt ma ressaq xi pretensjoni fis-sens li dak il-post mhux kollu ta' martu u ohtha.

b. L-art tar-Ramla tinsab imwellija, ilhja mwellija iktar minn 35 sena, u dejjem irceva l-qbiela huwa minghajr protesti minghand hadd.

c. L-art Ta' Dahlet Qorrot – kienet imwellija lil terzi, imma tletin sena qabel, ix-xhud applika ghall-permess tal-bini fuqha, u l-inkwilin (li ma jinghatax ismu) kien ceda l-pussess u rrilaxxjah lilu. Minn dakinhar l-art baqghet fil-pussess tieghu minghajr hadd ma avvanza xi drittijiet fuqha.

d. L-art "Tal-Hawt" sive "Tal-Hnejja": ix-xhud jiddikajra li ma jafx fejn huma, minkejja li prova jara anki mas-site plans esebiti.

e. L-Art "Ta' Hanaq" - ix-xhud jiddikjara li ma jafx fejn hija, minkejja li prova jara anki mas-site plans esebiti.

f. L-Art "Ta' Grunju" – dawn kienu inxtraw b'kuntratti pubblici minn Joseph u John Buttigieg.

Ix-xhud Frank Borg kien imbaghad pprezenta affidavit ulterjuri fid-19 ta' Jannar 2005 fejn fost affarijiet ohra jsostni li:

a. Huwa ltaqa' diversi drabi ma' Rosa Muscat u ohtha Guzeppa sabiex jaqsmu l-assi gejjin mill-ereditajiet tan-nanniet tieghu;

b. Dawn il-laqghat jinsabu kkonfermati mix-xhieda ta' Mary Rose Xuereb u Grazio Attard.

c. Il-genituri ta' Rosa Muscat kienu jhallsu l-qbiela lil ommu.

d. Wara l-mewt ta' Ganni Buttigieg, il-mara tieghu Assunta baqghet thallas is-somma dovuta lil missieru sa ftit qabel ma miet. Jghid izda li ma jiftakarx ezatt kemm kienet is-somma mhallsa u lanqas meta l-ahhar li sar il-hlas.

e. It-talba tieghu ghad-divizjoni ma hijiex limitata ghal sitt proprjetajiet.

f. Imbaghad jaghmel riferenza specifika ghal diversi proprjetajiet li semma Angelo Muscat, billi jsostni li:

i. Fir-rigward tad-dar 101, Triq Xandriku, Nadur, din originarjament kienet mikrija ghand Joseph Bartolo bil-kera ta' Lm2,50 fis-sena. U giet f'idejn John Attrd minghajr il-kunsens tal-werrieta.,

ii. L-art tar-Ramla tinsab imwellija minghajr il-kunsens tieghu;

iii. L-art Tal-Qdus, Dahlet Qorrot: din mhix iktar ghand terzi, u huwa ghandu sehem indiviz minnha.

iv. L-art ta' Grunju: mir-ricerki li wettaq huwa jirrizulta li Francis Buttigieg kien xtara 6.3 tomniet. Fid-denunzja ta' Rosa Buttigieg jissemmew 4 porzjonijiet tal-kejl ta' cirka hdax-il tomna b'kollox. Skont hu, Angelo Muscat jikkonferma li dawn il-proprjetajiet qeghdin kollha hemm, imma jsostni li xtrawhom Joseph u Ganni Buttigieg. Imma mir-ricerki li wettaq huwa dawn xtraw minghand il-werrieta kollha zewg porzjonijiet b'kejl ta' 0.84 minn tumolo, li jigu 944m.k. biss. Kuntratti ohra ma jirrizultawx, u sakemm Angelo Muscat ma jipprezentax kuntratti simili huwa jibqa' jsostni li "is-sehem tal-werrieta kollha ta' Carmela Vella nee' Buttigieg minn dan ir-raba huwa kif gej: 5/24 of (11 – 0.84) li jigu 20.8333% of 10.16 tumoli."

v. L-Art ta' Hatar, illum fi Triq Sant'Andrija, Nadur: ix-xhud jispjega kif il-buznanniet tieghu xtraw 2.5 tumoli u 1.9 tumoli art "Ta' Hatar" li minnhom hallew b'titolu ta' legat 2.5 tumoli lil Ganni Buttigieg. L-istess Buttigieg xtara zewg porzjonijiet ohra minn din l-art b'kejl ta' 0.6 tumoli. Maria Mizzi nee' Buttigieg bieghet sehemha minn 0.6 tumoli ohra lil Ganni Buttigieg, imma sehem l-eredi l-ohra baqa' ma nbieghx u ghaldaqstant jsostni li sehem spettanti lil Carmela Vella minn dawn l-artijiet huwa ta' 5/24 ta' (2.5 + 1.9 – 2.5 - .6 tumoli) ossia 20.8333% ta' 1.3 tumoli.

vi. L-art Tal-Gebel l-Ahmar: Francis Buttigieg kien xtara zewg porzjonijiet b'kejl komplessiv ta' erba' sighan u zewg kejliet u nofs – ossia 795m.k. Skont id-denunzja ta' Rose Buttigieg, huma kellhom zewg porzjonijiet ta' art bil-kejl ta' tumolo u l-ohra ta' zewg sighan – totali ta' 1495m.k. Ganni u Guzepp Buttieig xtraw zewg porzjonijiet b'kejl ta' tumolo. Ghalhekk huwa jippretendi li Carmela Vella jmissha 5/24 ta' zewg sighan – jew 371m.k.

Ix-xhud isostni li huwa rnexxielu jidentifika xi uhud mill-artijiet imsemmija fl-affidavits precedenti tieghu – ossia

1. Art Tal-Wileg, Ghajnsielem
2. Art ta' Fuq Gnien Musfar, Nadur
3. Art ta' Wied Bingemma, Nadur
4. Art tal-Kuser sive ta' Wied Biljun, Nadur.
5. Art Tat-Tigrija, Nadur
6. Art fi Triq tax-Xatt, Nadur
7. Zewg porzjonijiet art Tal-Mulejja, Qala
8. Art Tal-Hawt sive tal-Hnejja, Nadur.

Wara dan, Angelo Muscat rega' pprezenta affidavit iehor (fol. 225 et seq) sabiex jispjega illi:

i. rigward l-Art ta' Hatar, jaqbel li kienu inxtraw erbat itmien, zewg sighan u erba' kejliet, li minnhom tomnejn u nofs thallew lil Ganni, Guzeppi u Salvu u ghalhekk kien fadal ghad-divizjoni tomna put disgha. Bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, Ganni u Guzepp akkwistaw zewg porzjonijiet art Ta' Hatar, kull wahda ta' sighajn, minghand Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francesco Mizzi u Guzeppa Mizzi. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Hatar bil-kejl komplessiv ta' erba' sighan ohra din id-darba minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Hatar bil-kejl komplessiv ta' erba' sighan minghand Guzeppa u Francesco Mizzi. Ghaldaqstant skont dan ix-xhud inxtraw tomnejn raba – effettivament iktar milli kien fadal art fil-wirt ta' Francesco u Rosa Buttigieg.

ii. Rigward l-art Ta' Grunju: Francesco Buttigieg akkwista sitta punt tlieta tmien, u l-kejl ta' 11-il tomna li jissemma fid-denunzja ma huwa sorrett b'ebda dokument. Ghaldaqstant, wiehed ghandu jimxi fuq il-kuntratti tal-akkwist. Bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, Ganni u Guzepp akkwistaw zewg porzjonijiet art Ta' Grunju, wahda fiha kejl ta' erba' sighan, u l-ohra ta' hames sighan minghand Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francesco Mizzi u Guzeppa Mizzi. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtrat bicca ohra ta' Grunju bil-kejl ta' erba' sighan ohra din id-darba minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria

Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Grunju bil-kejl ta' erba' sighan u siegh minghand Guzeppa u Francesco Mizzi. Bil-kuntratt tad-19 ta' Marzu 1964, Clementa Borg, Guzeppa Cordina, Rosa Borg, John Attard u Pawlina Attard bieghu tliet bicciet raba Ta' Grunju bil-kejl ta' erba'' sighan, sighajn u sighajn ohra lil Assunta Buttigieg, u tomna ohra lil Giuseppe  Camilleri. Skont dan ix-xhud, jirrizulta li:

"bhala stat ta' fatt il-porzjon art trasferita lil Giuseppe Camilleri hija ta' cirka tomnejn".

Ghalhekk permezz ta' dan il-kuntratt inbieghu erbatax-il siegh, ossia 2618 metri kwadri mill-art ta' Gunju. B'kollox ghaldaqstant skont dan ix-xhud inbieghu hamest itmien sighan u zewg kejliet, 6020m.k., ta' art Ta' Grunju biex fadal mhux mibjugha madwar 1048 metri kwadri minn din l-art. Imma, jargumenta, din l-art qeghda fil-pussess ta' Giuseppe Camilleri u mhux qeghdha ghall-qasma. Barra minn hekk, l-art Ta' Grunju ilha okkupata u ilha fil-pussess ta' Giovanni Buttigieg ghal ferm iktar minn tletin sena.

iii. Art tal-Gebel l-Ahmar: il-kejl ta' art akkwistat minn Francesco Buttigieg huwa ta' erba' sighan zewg kejliet u nofs – 794.75m.k. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtraw minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi id-drittijiet kollha spettanti lilhom fuq bicctejn art tal-Gebel l-Ahmar ta' cirka tomna; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw id-drittijiet kollha spettanti lil Guzeppa u Francesco Mizzi fuq fuq bicctejn art tal-Gebel l-Ahmar ta' cirka tomna. Dan jammonta ghal iktar milli gie inizjalment akkwistat.

iv. Il-fond 101, Triq Xandriku, Nadur: skont dan ix-xhud ma jirrizulta l-ebda kuntratt ta' akkwist u l-argumentazzjoni ta' Frank Borg ma hijiex korretta peress li ma jirrizultawx minn dokumentazzjoni ufficjali.
v. Il-proprjetajiet l-ohra ma jirrizultaw minn ebda kuntratt ta' akkwist. Madankollu jghid li jekk hemm xi raba ghall-qasma huwa lest li jaqsam mal-atturi; imma mhux mill-art li jokkupa huwa u martu.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2006, dan ix-xhud jichad li huwa qatt ghadda xi flus lil xi hadd mill-atturi kemm ilu mizzewweg u cioe' erbghin sena (40) sena.

Illi peress li baqa' jippersisti dan id-disgwid bejn l-atturi u l-konvenuti dwar il-konsistenza tal-assi in divizjoni, fit-22 ta' Ottubru 2007, din il-Qorti diversament preseduta ordnat lill-atturi sabiex jipprezentaw:

1. Lista guramentata tal-proprjetajiet in divizjoni;

2. Kopja legali tal-kuntratti tal-akkwisti flimkien ma' kopja dattilografata taghhom;

3. Ricerki ta' trasferimenti ta' proprjetà ta' Francis u Rosa Buttigieg;
4. Site plans;
5. Kopja tad-denunzja ta' Francis Buttigieg;
6. Kopja dattilografata tat-testmenti esebiti mac-citazzjoni.

B'dak l-istess digriet il-konvenuti gew ordnati jipprezentaw lista maqsuma fi tnejn, wahda turi l-proprjetajiet li huma jaqblu li huma in divizjoni u l-ohra l-proprjetajiet li huma jippretendu li ma humiex in divizjoni. Fir-rigward ta' din l-ahhar lista, huma kellhom jindikaw is-sors li bih isostnu li ghandhom titolu bhala proprjetarji.

Illi l-atturi pprezentaw in-nota guramentata taghhom a fol. 267, liema nota essenzjalment tirreplika dak li qal Frank Borg fl-affidavits u fix-xhieda tieghu.

Ma' dik in-nota l-atturi pprezentaw diversi dokumenti – imma tajjeb jigi rrimarkat li apparti r-ricerki dwar it-trasferimenti ta' Francis Buttigieg, l-pjanti u site plan, u l-kopja tad-denunzja ta' Paolo Buttigieg, dawn id-dokumenti kienu digà gew ipprezentati flimkien mac-citazzjoni:

1. Il-pjanti u site plans huma esebiti a fol. 375 sa 378 tal-process.

2. A fol. 378 (Dokument AZ) giet esebita kopja dattilografata ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech tat-23 ta' Settembru 1931 Bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, bejgh a favur ta' Ganni u Guzepp minn Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francesco Mizzi u Guzeppa Mizzi. L-original u diversi kopji ohra ta' dan il-kuntratt gew esebiti f'diversi partijiet fl-atti.

3. A fol. 380 (Dokument BZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, xiri din id-darba minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi. Anki f'dan il-kaz kemm l-original kif ukoll diversi kopji gew esebiti f'diversi partijiet fl-atti.

4. A fol 382 (Dokument CZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, xiri minghand Guzeppa u Francesco Mizzi. L-original kien digà gie ezebit u diversi kopji wkoll jinsabu esebiti fl-atti.

5. A fol. 385 (Dokument DZ)gie esebit kopja tal-akkwist da parti ta' Francesco Buttigieg bis-sahha tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1899. L-original u kopja kienu gia gew esebiti fl-atti.

6. A fol. 389 (Dokument EZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Cauchi tal-4 ta' April 1907. L-original u kopja kienu gia gew esebiti fl-atti.

7. A fol 396 (Dokument FZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tad-19 ta' Marzu 1964. L-original u diversi kopji jinsabu wkoll esebiti f'diversi partijiet fl-atti.

8. A fol. 400 (Dokument GZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tal-10 ta' Settembru 1900. Kopja ohra tinsab a fol. 472.

9. A fol. 403 (Dokument HZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tal-14 ta' Novembru 1910 atti Nutar Angelo Cauchi. L-original kien digà gie esebit u kopja ohra tinsab a fol. 478.

10. A fol. 406 (Dokument KZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tat-30 ta' Mejju 1926 tac–cessjoni ta' drittijiet ereditarji fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci. L-original kien digà gie esebit u diversi kopji wkoll jinsabu esebiti fl-atti.

11. A fol. 409 (Dokument LZ) giet esebita kopja dattilografata tat-testment ta' Paolo u Maria Buttigieg fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci

tat-8 ta' Lulju 1926. L-original kien digà gie ezebit u kopja ohra tinsab a fol. 495.

12. A fol. 413 (Dokument MZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tad-9 ta' Frar 1899. L-original kien digà gie esebit u kopja ohra tinsab a fol. 500.

13. A fol. 419 (Dokument NZ) giet esebita kopja dattilografata tal-kuntratt tal-10 ta' Frar 1912. L-original kien digà gie esebit u kopja ohra tinsab a fol. 514.

14. A fol. 423 (Dokument OZ) giet esebita kopja dattilografata tat-testment tas-6 ta' Lulju 1914 ta' Francesco u Rosa Buttigieg in atti Nutar Angelo Cauchi. L-original kien digà gie esebit u diversi kopji jinsabu esebiti fl-atti.

15. Dok. JZ a fol. 483 giet esebita d-denunzja ta' Paolo Buttigieg.

16. A fol. 487 giet esebita d-denunzja ta' Rosa Buttigieg, ukoll esebita precedentement.

17. A fol. 578 giet esebita cedola ta' depositu tal-31 ta' Jannar 1912.

Il-konvenuti pprezentaw ir-risposta taghhom a fol. 535 et seq. F'din in-nota huma jibdew biex jispjegaw li:

i. Rigward l-Art ta' Hatar, jaqblu li kienu inxtraw erbat itmien, zewg sighan u erba' kejliet, li minnhom tomnejn u nofs thallew lil Ganni, Guzeppi u Salvu u ghalhekk kien fadal ghad-divizjoni tomna punt disgha. Bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, Ganni u Guzepp akkwistaw zewg porzjonijiet art Ta' Hatar, kull wahda ta' sighajn, minghand Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francesco Mizzi u Guzeppa

Mizzi. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Hatar bil-kejl komplessiv ta' erba' sighan ohra din id-darba minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Hatar bil-kejl komplessiv ta' erba' sighan minghand Guzeppa u Francesco Mizzi. Ghaldaqstant dejjem skont il-konvenuti nxtraw tomnejn raba li jappartjenu esklussivament lill-konvenuti.

ii. Rigward l-art tal-Gebel l-Ahmar: il-kejl ta' art akkwistat minn Francesco Buttigieg huwa ta' erba' sighan zewg kejliet u nofs – 794.75m.k. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtraw minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi id-drittijiet kollha spettanti lilhom fuq bicctejn art tal-Gebel l-Ahmar ta' cirka tomna; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw is-drittijiet kollha spettanti lil Guzeppa u Francesco Mizzi fuq fuq bicctejn art tal-Gebel l-Ahmar ta' cirka tomna. Dan jissottomettu l-konvenuti jammonta ghal iktar milli gie nizjalment akkwistat.

iii. Dwar il-fond 101, Triq Xandriku, Nadur il-konvenut isostnu li dan il-fond kien okkupat minn familja u binha ghal iktar minn 60 sena u li l-kera dejjem thallset lill-familja tal-konvenuti. L-iben tal-inkwilini kien halla eredi lil John Attard li kien ipprova jhallas il-kera lil Angelo Muscat, imma din il-kera giet irrifjutata u saru diversi cedoli ta' depozitu ta' din il-kera, liema cedoli jinsabu esebiti a fol. 560 et seq. Il-konvenuti jsostnu li l-pussess ta' dan il-fond kien imbaghad gie rilaxxjat lil Angelo Muscat.

iv. Art ta' Kusbejja fin-Nadur: tidher biss f'denunzja; kienet imqabbla lil terzi; imma l-qbiela giet ceduta favur Angelo Muscat madwar is-sena 2000 (fol. 563).

v. Art Ta' Wied Bingemma, Nadur: fiha madwar siegh u sitt kejliet; imqabbla ghand familja mlaqqma "Ta' Storja" imma l-qbiela ma hijiex qeghdha tithallas. (fol. 564).

vi. Art "Tal-Hanaq", "Tal-Hniena" u "Tal-Michli" Nadur: dwar din ir-raba l-konvenuti jsostnu li ma ghandhomx informazzjoni ulterjuri (fol. 565).

vii. Art Tar-Ramla, Nadur: din fiha cirka siegh, imqabbla ghand terz bil-laqam "Tal-Hawt" imma dan mhux qed ihallas qbiela.

viii. Rigward l-art Ta' Grunju: Francesco Buttigieg akkwista sitta punt tlieta tmiem. Bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, Ganni u Guzepp akkwistaw zewg porzjonijiet art Ta' Grunju, wahda fiha kejl ta' erba' sighan, u l-ohra ta' hames sighan minghand Rosa Xerri, Carmela Mizzi, Francesco Mizzi u Guzeppa Mizzi. Bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu 1935, inxtrat bicca ohra ta' Grunju bil-kejl ta' erba' sighan ohra din id-darba minghand Clementa Borg, Rosina Borg, Maria Attard, Rosa Xerri u Carmela Mizzi; u bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu 1935, inxtraw bicctejn ohra ta' Grunju bil-kejl ta' erba' sighan u siegh minghand Guzeppa u Francesco Mizzi. Bil-kuntratt tad-19 ta' Marzu 1964, Clementa Borg, Guzeppa Cordina, Rosa Borg, John Attard u Pawlina Attard bieghu tliet bicciet raba Ta' Grunju bil-kejl ta' erba'' sighan, sighajn u sighajn ohra lil Assunta Buttigieg, u tomna ohra lil Giuseppe Camilleri. B'kollox ghaldaqstant inbieghu hamest itmiem

sighan u zewg kejliet, (5.3 tomniet). Il-konvenuti jargumentaw li l-art effettivament mibjugha u li qeghdha fil-pussess ta' Giuseppe Camilleri hija ta' tomnejn u mhux tomna u "dan huwa stat ta' fatt li jista' jigi konstatat facilment anki billi wiehed jara l-art li qed tkun okkupata mill-istess Giuseppe Camilleri u/jew eredi tieghu". Barra minn hekk, l-art Ta' Grunju ilha okkupata u ilha fil-pussess tal-konvenuti u l-genituri taghhom ghall-ferm iktar minn sittin sena. Il-konvenuti jsostnu li ma jirrizulta l-ebda kuntratt ta' akkwist u l-argumentazzjoni ta' Frank Borg ma hijiex korretta peress li jirrizultawx minn dokumentazzjoni ufficjali li pprezentaw l-istess atturi.

Il-konvenuti konsegwentement ipprezentaw nota ohra fis-7 ta' April 2008 b'diversi dokumenti li huma:

1. Sett ta' kopji ta' ricevuti dwar art fi Triq tax-Xatt iffirmati minn "J. Buttigieg f'isem il-werrieta" u iktar tard minn Angelo Muscat, Roza Muscat;

2. Kopja ta' permess tal-bini rigward art f'Dahlet Qorrot;

3. Dokument RM6 a fol. 583: kopja ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Guzeppi Cauchi tal-11 ta' Awwissu 1978 bejn Maria Assunta armla ta' Ganni Buttigieg (omm il-konvenuti) u z-zewg konvenuti li permezz taghha lil Guzeppa Buttigieg giet assenjata raba fi Triq Sant'Andrija, Nadur ta' xi tomnejn u nofs u lil Rosina Muscat il-lok ta' djar fi Triq San Gakbu, kantuniera ma' Triq Sant'Andrija.

A fol. 745 tal-process l-atturi pprezentaw ir-ricerki dwar it-trasferimenti li setghu saru minn Rosa Buttigieg mart Francesco. Kif

innota l-perit legali l-avukat Carmelo Galea, in-noti ta' insinwa kollha jirreferu ghall-persuna differenti u mhux l-axxendenti tal-kontendenti f'din il-kawza.

**Ikkunsidrat ir-rapporti:**

Illi l-perit legali Dr. Paul Cachia pprezenta r-rapport tieghu fl-20 ta' Mejju 2010 u fih huwa kkonkluda dwar il-fondi li kienu jappartjenu lid-decuji Francesco u Rose Buttigieg kif isegwi.

Fir-rigward tal-fondi:

1. Art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur;

2. Art fil-lokal "ta' Grunju" fil-limiti ta' Nadur;

3. Art fil-lokal "Tal-Gebel l-Ahmar" fil-limiti ta' Nadur;

4. Art fil-lokal "ta' Dahlet Qorrot" fil-limiti ta' Nadur;

Ikkonkluda li dawn ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti li jappartjenu l-eredita' u li ghalhekk ghandhom jigu nkluzi fid-divizjoni.

5. Dwar id-dar numru 101, Triq Xandriku, Nadur isostni li huwa minnu li bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1931, ulied Maria Mizzi bieghu lil Giuseppe u Giovanni Buttigieg sest indiviz minn dan il-fond. Izda l-perit legali jikkonkludi li l-effetti guridici ta' dan it-trasferiment huma rregolati minn dak li kien jghid l-Artikolu 946 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti qabel l-emendi fil-Kodici fl-2004 fis-sens li:

*"kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li messu lilu b'licitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-ohra tal-wirt."*

Ghalhekk l-effettività ta' dan it-trasferiment tiddependi mill-assenjazzjoni tal-beni li ser taghmel din il-Qorti.

6. Dwar l-art fil-lokal ta' Triq tax-Xatt, Nadur il-perit legali jikkonkludi li l-atturi rnexxielhom iressqu l-prova li tifforma parti mill-assi ereditarji.

7. Dwar l-art fil-lokal tat-Tigrija, fl-inhawi ta' Wied Bingemma fil-limiti ta' Nadur l-perit legali wkoll jikkonkludi li din ghandha titqies bhala parti mill-assi ereditarji ta' Francesco u Rosa Buttigieg.

8. Illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, a fol. 845 sa' 852, l-abbli perit legali wasal sabiex eskluda mill-assi ereditarji:

(i) l-art fil-lokal tar-Ramla fil-limiti tan-Nadur,

(ii)l-art fil-lokal Tal-Hawt fil-limiti ta' Nadur,

(iii) l-art fil-lokal Tal-Hanaq fil-limiti ta' Nadur,

(iv) l-art fil-lokal Ta' Kusbejja fil-limiti ta' Nadur, u

(v) l-art Tal-Hniena u tal-Michli sive ta' Fejn Diunis.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, l-atturi rrimettew ruhhom ghar-rapport tal-perit legali filwaqt li l-konvenuti ddikjaraw li huma ma humiex qeghdin jaqblu mal-konkluzjonijiet tal-perit legali biss sa fejn jirrigwarda l-fond 101, Triq Xandriku, Nadur peress li huma jsostnu li dak il-fond jappartjeni esklussivament lilhom.

Illi kif gia nghad aktar 'il fuq permezz tas-sentenza taghha tal-11 ta' Ottubru, 2013, il-Qorti ddecidiet li effettivament s-sehem li ddevolva fuq Giuseppa Cordina mill-wirt ta' Pawlu Buttigieg ma giex trasferit lill-predecessuri fit-titolu tal-konvenuti permezz tal-kuntratt tat-30 ta' Mejju 1926 u kwindi ghadu jappartjeni lill-eredi ta' Giuseppa Cordina.

Illi permezz ta' digriet tas-16 ta' Jannar 2014, l-Avukat Carmelo Galea inhatar bhala perit legali purament sabiex jigu stabbiliti l-ishma spettanti lil kull parti fil-kawza mill-proprjetajiet imsemmija fin-nota ta' l-atturi tat-18 ta' Novembru 2013.

Ghandu jigi notat li f'dik in-nota l-atturi kienu ndikaw bhala l-beni mmobbli in divizjoni l-fondi mmobbiljari kollha ndikati fir-rapport tal-perit legali Dr Paul Cachia b'zieda tal-art fil-lokal tar-Ramla indikata fuq is-site plan Dokument G.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma tirrilevax li l-ewwel perit legali kien effettivament eskluda lil din ir-raba mill-fondi in divizjoni ghar-ragunijiet indikati fil-parti tar-rapport tieghu li tinsab a fol. 845 et seq tal-process. Tinnota wkoll li fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010, l-atturi rrimettew ruhhom ghar-rapport tal-perit legali. Ghaldaqstant hemm certa nkonsistenza f'dan l-atteggjament tal-atturi. Dan ikkonfermah ukoll il-Perit Legali Dr. Carmelo Galea fir-rapport tieghu. F'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali u tiddikjara li l-art fil-lokal tar-Ramla ma ghandhiex titqies li tifforma parti mill-assi ereditarji in divizjoni.

Illi l-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzjoni tal-ewwel perit legali Dr Paul Cachia fis-sens li l-effetti guridici tat-trasferimenti ta' proprjetà li sehhew bejn uhud mid-dixxendenti ta' Francesco u Rosa Buttigieg ta' ishma minn proprjetajiet partikolari formanti parti mill-ereditajiet rispettivi taghhom huma rregolati minn dak li kien jghid l-Artikolu 946 tal-Kodici Civili qabel l-emendi riportati lil dak il-Kodici fl-2004 fis-sens li:

*"kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li messu lilu b'licitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-ohra tal-wirt."*

Il-perit legali kien kompla li:

"Ghalhekk l-effikacità ta' dan it-trasferiment tiddependi mill-assenjazzjoni tal-beni li ser taghmel din l-Onorabbli Qorti fi stadju ulterjuri tal-kawza."

Madankollu, il-Qorti taqbel ma' dak li zied jghid it-tieni espert legali, Dr. Carmelo Galea, fis-sens li minkejja l-kunsiderazzjoni precedenti, kull att ta' trasferiment jorbot u jaghmel stat bejn il-kontraenti nfushom u s-successuri universali taghhom.  Huwa ma jaghmilx stat fil-konfront ta' partijiet terzi, inkluzi l-koeredi l-ohra. Il-perit legali kompla jzid izda li peress li huwa manifest li l-beni komprizi fl-eredità ma humiex kommodament divizibbli u ghaldaqstant ser ikollhom jinbieghu bil-licitazzjoni, anki jekk in tema strettament guridika, din il-Qorti ghandha tiskarta l-effetti tal-kuntratti ta' trasferimenti fejn dawn ma kienux jirrigwardaw l-ishma kollha tat-trasferenti mill-eredità imma biss sehemhom minn beni partikolari, u

fejn it-trasferenti ma kienux jirraprezentaw it-totalità tal-ishma fl-eredità, jibqa' l-fatt li fi stadju sussegwenti, it-trasferenti u l-akkwirenti, jew is-successuri universali taghhom ser ikunu kostretti jidhlu f'litigazzjoni ohra sabiex jigu stabbiliti u kristalizzati r-relazzjonijiet guridici interni ta' bejniethom. Din il-Qorti taqbel li jekk isir dan, ikun qed isir nuqqas ta' servizz lill-kontendenti. Mill-atti jirrizulta li l-partijiet ma kkontestawx din il-konkluzjoni da parti tal-Perit Legali Dr. Carmelo Galea.

Illi ghalhekk ghandu jittiehed kont f'din id-decizjoni li permezz tal-kuntratt tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u tletin (1931) atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Grech, l-ulied ta' Maria mart Peter Mizzi, u cioe' Rosa mart Joseph Xerri, Carmela mart Charles Mizzi, Francis u Josephine mart Anthony Attard bieghu parti minn sehemhom lil fuq imsemmija Giuseppe u Giovanni Buttigieg mis-segwenti proprjeta' li tifforma parti mill-eredita' ta' Francis Buttigieg u martu Rose nee' Magro li huma:-

i. Bicca raba' maghrufa bhala "Ta Grunju" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka erba' sighan;
ii. Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Grunju" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex, bil-kejl ta' cirka hames sighan;
iii. Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Hatar" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex tal-kapacita' ta' cirka zewg sighan
iv. Bicca art maghrufa bhala "Ta' Hatar" fil-limiti tan-Nadur Ghawdex, bil-kejl ta' cirka zewg sieghan;
vi. Sest indiviz tal-lok ta' djar fin-Nadur, Ghawdex, bin-numru tlieta u tmenin (83) fi Triq Xandriku.

Ukoll li permezz taz-zewg kuntratti l-ohra, wiehed tal-hmistax (15) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) u l-iehor tat-tmintax (18) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Cauchi, Clementina Borg mart John Mary Borg, Rosina mart Pawlu Borg, Maria mart Grezzju Attard, ilkoll ahwa Vella, Rosa armla ta' Giusepp Xerri u Carmela armla ta' Charles Mizzi, ahwa Mizzi, (permezz ta' l-ewwel kuntratt imsemmi) u Giuseppa u Francesco ahwa Mizzi (permezz tat-tieni kuntratt imsemmi) ittrasferew lil Giuseppi u Giovanni Buttigieg, id-drittijiet lilhom spettanti fuq il-proprjetajiet segwenti fin-Nadur, Ghawdex:-

i. Zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Tal-Gebel l-Ahmar" tal-kejl komplessiva ta' cirka tomna;

ii. Zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Ta' Hatar" tal-kejl komplessiv ta' erba' sieghan;

iii. Porzjon ta' art maghrufa bhala Ta Grunju tal-kejl ta' cirka erba' sighan;

iv. Fond fi Triq il-Buskett b'numru mhux maghruf b'gardina annessa mieghu mit-tramuntana ta' cirka zewg sighan;

v. Siegh raba maghruf bhala "Ta' Grunju".

Minn paragun tal-kejl u tal-konfini moghtija fil-kuntratti, jirrizulta li l-artijiet "Ta' Grunju" u "Tal-Hatar" imsemmija fil-punti ii. u iii. tal-ewwel kuntratt, huma l-istess artijiet imsemmija fil-punti iii. u ii. rispettivament tal-kuntratti tal-1935.

Il-Qorti tinnota li r-rapport tal-Perit Legali Dottor Galea huwa bbazat fuq il-premessa li l-partijiet jilqghu l-istedina tieghu fis-sens li wara l-licitazzjoni tal-immobbli li ishma minnhom kienu jiffurmaw oggett ta' dawn il-kuntratti, ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet billi jittiehdu inkonsiderazzjoni t-trasferimenti ta' dawn l-ishma ndivizi. Effettivament, ghalkemm il-partijiet ma ntavolawx talba f'dan is-sens jidher li huma lkoll jaqblu li hekk ghandu jsir. Ghaldaqstant fl-interess tal-ekonomija tal-gudizzju u sabiex tevita l-htiega ghall-proceduri gudizzjarji godda bejn il-partijiet, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li fir-ripartizzjoni bejn il-partijiet tar-rikavat mill-bejgh in licitazzjoni tal-fondi oggett ta' dawn il-kuntratti, is-sehem mibjugh jittiehed in kunsiderazzjoni. Dan jinkwadra ruhu perfettament fil-parametri tal-kawza anki peress li mhux qed issir assenjazzjoni tal-beni mmobbli n-natura imma biss spartizzjoni tar-rikavat mill-bejgh taghhom.

**Konkljuzjonijiet ulterjuri tal-Qorti:**

Illi l-Qorti rat u taghmel taghha s-segwenti skedi annessi mar-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Carmelo Galea:

1. l-arblu tar-razza esebit bhala dokument CG mar-relazzjoni (a fol. 1037).

2. Id-Dokument CG1 anness mar-relazzjoni a fol. 1038. Din il-lista tirrifletti l-ishma li kull wiehed u wahda mill-partijiet fil-kawza ghandu mill-assi residwi inkluzi fl-eredità. L-ismijiet tal-partijiet odjerni fil-kawza huma ndikati bit-tipa majjuskola, mentri l-ahhar kolonna tindika l-kwota percentwali spettanti lil kull wahda mill-partijiet mill-assi residwi. Il-kolonni precedenti juru l-passaggi tal-ishma fl-eredità minn generazzjoni ghall-ohra.

3. Id-dokument CG3, ezebit a fol. 1039 tal-process, u li huwa lista li turi l-kwoti spettanti lill-partijiet mir-raba "ta' Hatar" (zewg porzjonijiet ta' cirka sighajn kull wahda) u l-art "ta' Grunju" ta' cirka erba' sighan wara l-atti tat-23/9/1931; 15/8/1935 u 18/8/1935 kif ukoll mill-art "tal-Gebel l-Ahmar" (kejl komplessiv ta' tomna) u mis-siegh raba "Ta' Grunju" wara z-zewg kuntratti tal-15/8/1935 u 18/8/1935.

4. Id-Dokument CG5 esebit a fol. 1283 tal-process, li juri l-kwoti spettanti lill-partijiet mill-art "ta' Grunju" ta' cirka hames sighan u mill-fond fi Triq Xandriku Nadur wara l-att tat-23/9/1931.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel taghha wkoll l-istejjem tal-proprjetajiet in divizjoni redatta mill-abbli Perit Tekniku Joseph Grech li tinsab a fol. 1156 sa 1158, u t-tieni relazzjoni tieghu a fol. 1194 sa 1197 tal-process salv dawk li gew eskluzi fil-paragrafi li jsegwu.

**Ikkunsidrat u tikkonkludi ulterjorment:**

Illi l-Qorti rat ukoll it-tieni rapport tal-perit legali Dottor Carmelo Galea li jinsab a fol. 1239 sa 1283 tal-process u ma tistax ma tirrimarkax dwar il-problemi li jipprezenta dan il-kaz sabiex b'xi mod jigu identifikati l-artijiet li jiffurmaw parti mill-assi ereditarji in divizjoni anki ghaliex il-partijiet baqghu jbiddlu l-parametri taghhom sahansitra wara li gew intavolati r-rapporti daqs li kieku ma kien sar xejn. L-inkonsistenza tal-partijiet li kontinwament jibdlu l-pozizzjoni taghhom, il-prezentata ta' diversi pjanti u stimi li huma kontradittorji ghal xulxin kif ukoll il-mod sporadiku li bih gew sottomessi diversi listi u pjanti matul il-perkors ta' din il-kawza xejn ma jghinu sabiex tkun tista' tinsab il-verità.

Sahansitra fin-noti ta' osservazzjonijiet finali tal-partijiet regghet qamet vertenza bejniethom dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji in divizjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti mill-gdid tirreferi ghal-lista guramentata pprezentata minn Frank Borg, l-attur, fl-14 ta' Dicembru 2007, (fol. 267 et seq) kif ukoll ghall-konkluzjonijiet tal-ewwel perit legali Dr. Paul Cachia. Il-Qorti tinnota li l-lista guramentata li tinsab a fol. 267 giet ipprezentata wara li, bid-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2007 (a fol. 263 et seq), din il-Qorti ordnat lill-atturi jipprezentaw "lista guramentata ta' proprjetajiet li jiffurmaw parti mill-assi ereditarji tal-mejtin Francis u Rosa Buttigieg" u ghalhekk kien mistenni li din il-lista tkun wahda ezawrjenti. Fir-rigward ta' dan il-konkluzjonijiet tinnota li l-atturi rrimettew ruhhom ghalihom minghajr ebda rizerva u li kontra taghhom il-konvenuti baqghu ma

ressqu 'l quddiem l-ebda prova li tista' twassal lill-Qorti sabiex tallontana ruhha minn dik il-lista.

Il-Qorti in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti tqis li l-artijiet li huma ndikati bhala "Porzjon 5 – Art ta' Grunju" (rapport tal-perit tekniku, fol. 1195, u block plan a fol. 1208) [din l-art tigi precizament barra, u attigwa, ghall-art indikata bl-ittra C fuq il-pjanta a fol. 174 u ghalhekk certament li ma tifformax parti minnha] u l-ohra tal-kejl ta' 1200m.k. (indikata bl-ittra "B"' fuq il-pjanta a fol. 174 u fil-block plan tal-perit tekniku a fol. 1210) b'valur ta' €465,000 (fol. 1195 – Porzjon 6) ghandhom jigu eskluzi mid-divizjoni ghaliex manifestament ma jinkwadrawx f'xi wahda mill-pjanti li hemm referenza ghalihom fin-nota guramentata tal-atturi a fol. 267.

Illi, fil-lista a fol. 267 tal-process jidhru, mhux necessarjament fl-istess ordni, dawn l-artijiet li gejjin:

i. Art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tal-kejl ta' madwar elf u ghoxrin metri kwadri (1020m.k.). Din l-art hija parti mill-art indikata bil-kulur roza fuq il-pjanta li hemm ezebita a fol. 377 tal-process, fil-block plan a fol. 1213. Skont l-istima tal-perit tekniku (Porzjoni 7 – Art ta' Hatar a fol. 1196), din l-art fiha valur ta' seba' mitt Elf Euro (€700,000). Il-konfini moghtija mill-atturi (fol. 1286) jirreferu ghall-parti minn din l-art u parti ohra li ma tifformax parti minn din l-art, peress li l-attur ghogobhom li ma jsegwux id-deskrizzjoni u stima tal-perit tekniku u ghalhekk ma humiex korretti. Mill-pjanta redatta mill-perit tekniku, a fol. 1213, din l-art tikkonfina mill-punent

mat-triq, mil-lvant ma' sqaq, u irjieh ohra ma jistghux jigu stabbiliti. Din l-art tappartjeni lill-kontendenti fil-kwoti indikati fid-dokument CG2 a fol. 1038 tal-process.

ii. Art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tal-kejl ta' madwar elf u erba' mitt metru kwadru (1,400m.k.). Din l-art hija parti mill-art indikata bil-kulur roza fuq il-pjanta li hemm ezebita a fol. 377 tal-process, fil-block plan a fol. 1217. Skont l-istima tal-perit tekniku (Porzjoni 8 – Art ta' Hatar a fol. 1196), din l-art fiha valur ta' erbatax-il elf euro (€14,000).

iii. Art fil-lokal "ta' Grunju" fil-limiti ta' Nadur. Tnejn minn dawn l-artijiet huma dawk stmati mill-perit tekniku a fol. 1157 tal-process, u cjoè wahda tal-kejl ta' 5330m.k. (indikata bl-ittra "A" fuq il-pjanta a fol. 174 u fil-block plan tal-perit tekniku a fol. 1162) u hija stmata hamsa u sebghin Elf Euro (€75,000). Il-porzjon indikata bl-ittra C fuq il-pjanta a fol. 174 hija ndikata wkoll fuq il-block plan tal-perit tekniku a fol. 1206) fiha kejl ta' 5000m.k. b'valur ta' mija u tletin Elf Euro (€130,000) (fol. 1194 – Porzjoni 4); Porzjoni ohra ta' madwar 334m.k. hija murija bl-ittra D fuq il-pjanta a fol. 174, u fuq il-block plan tal-perit tekniku a fol. 1159 u stmata tlett elef Euro (€3,000) (Porzjon 1 a fol. 1157). Il-porzjon indikata bl-ittra B fuq il-pjanta a fol. 174 hija dik indikata fuq il-block plan tal-perit tekniku li tinsab a fol. 1165 tal-process, fiha kejl ta' madwar 1790m.k. u hija stmata ghoxrin Elf Euro (€20,000) (Porzjon 3).

Wara li dawn il-kejlijiet tqabblu mal-kejl indikat fuq il-kuntratti tat-23 ta' Settembru 1931, tal-15 ta' Awwissu 1935 u tat-18 ta' Awwissu 1935 (erba' sieghan u siegh), il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li hadd mill-partijiet ma rnexxielu jindika b'certezza liema hija l-art minn "Ta' Grunju" li ghandha l-kejl indikat f'dawk il-kuntratti. L-art li, fin-nota taghhom tat-3 ta' Mejju 2018, l-atturi jindikaw li kienet parti mill-art li ishma minnhom inbieghu fl-1932 hija eskluza mill-assi in divizjoni kif fuq spjegat. Ghaldaqstant hija kostretta li tuza l-gudizzju taghha *arbitrio boni viri* skont il-ligi u tiddikjara li mill-prezz komplessiv rikavat ghal dawn l-erba' porzjonijiet art (li fihom kejl komplessiv ta' 12,454 metri kwadri), il-kejl ta' art oggett ta' dawn il-kuntratti (cioe' hames (5) sieghan raba li jekwivalu ghal 953 m.k.) huwa ta' 7.5%. Ghaldaqstant l-ammont ta' 7.5% mir-rikavat totali ghandu jispetta lill-kontendenti fil-kwoti elenkati fid-dokument CG3 a fol. 1039 tal-process mentri l-kumplament (92.5%) ghandu jappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG2 a fol. 1038 tal-process.

iv. Art "Ta' Dahlet Qorrot" tal-kejl ta' madwar 1360m.k. li tinsab indikata fuq il-pjanta a fol. 170, il-block plan tal-perit tekniku a fol. 1219 u stmata erba' mija u ghoxrin Elf Euro (€420,000) (fol. 1197). Dan il-fond jappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG2 a fol. 1038 tal-process.

v. Art fil-lokal "Tal-Gebel l-Ahmar" fil-limiti ta' Nadur. Din l-art hija diviza f'zewg porzjonijiet indikati bl-ittri K u L fuq il-pjanta a fol. 376 tal-process. Fir-rapport tal-perit tekniku dawn l-artijiet huma

deskritti bhala "Porzjon 2 – Plot A, Art tax-Xatt" u "Porzjon 3 – Plot B, Art tax-Xatt" tal-kejl rispettiv ta' madwar elf mitejn u ghoxrin metri kwadri (1220m.k.) u elf sitt mija u sittin metri kwadri (1,660m.k.) . U huma indikati fil-block plans a fol. 1202 u 1204 rispettivament. Huma gew stmati ghaxart elef Euro (€10,000) u ghoxrin Elf Euro (€20,000) rispettivament. L-ewwel porzjoni ("K") kienet l-oggett tal-kuntratti tal-1935 u ghalhekk tappartjeni lill-kondividenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG3 a fol. 1039; mentri l-parti l-ohra ("L") tispetta lilhom skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG2 a fol. 1038.

vi. Id-dar numru 101, Triq Xandriku, Nadur. Dan il-fond gie stmat fil-valur ta' tletin Elf Euro (€30,000) (stima tal-perit tekniku a fol. 1158). Dan il-fond jappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG5 a fol. 1283 tal-process.

vii. L-art fil-lokal tat-Tigrija, fl-inhawi ta' Wied Bingemma fil-limiti ta' Nadur tal-kejl ta' cirka 329m.k. indikata ahjar fuq il-block plan a fol. 1199 tal-process u stmata tlett elef Euro (€3,000) mill-perit tekniku (Porzjon 1 a fol. 1194). Din l-art tispetta lill-kontendenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG2 a fol. 1038.

Illi l-art fil-lokal "tal-Hanaq" murija bl-ittra H fuq il-pjanta a fol. 375, l-art "Tal-Hawt" fil-limiti ta' Nadur, li tidher fuq il-pjanta a fol. 171 tal-process u l-art "Tar-Ramla" fil-limiti ta' Nadur li tidher fuq il-pjanta a fol. 169 tal-process ilkoll ma gewx stmati mill-Perit Tekniku. In oltre dwar l-art "Tal-Hniena" u "Ta' Michli" msemmija mill-atturi ma nstabet l-ebda pjanta li tirreferi ghal xi artijiet b'dan l-isem. L-

istess jinghad ghall-art indikata bhala l-art fil-lokal "Ta' Kusbejja" fil-limiti ta' Nadur.

Fil-fatt l-ebda wahda mill-artijiet indikati fil-paragrafu suespost ma tiffigura fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-atturi a fol. 1315 tal-process. Ghall-kuntrarju, f'dik in-nota l-atturi jiddikjaraw li huma "jaccettaw decizjoni fis-sens li l-assi in divizjoni kienu jikkonsistu f'dawk il-beni mmobbli stabbiliti mill-Perit Legali Dr. Paul Cachia fir-rapport tieghu" u jghaddu biex jelenkaw l-ewwel seba' porzjonijiet ta' art elenkati hawn fuq.

Illi in oltre fir-rigward tal-art indikata bhala ta' triq tax-Xatt, Nadur li fuqha l-ewwel Perit Legali Dr. Paul Cachia kkonkluda li kienet tifforma parti mill-assi ereditarji, din il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tat-tieni Periti Legali Dr. Carmelo Galea b'mod partikolari paragrafu 79 a fol. 1273 tal-process fejn jinghad kif isegwi:

'Din l-art ma hija murija fuq l-ebda pjanta. Sabiex jinghad kollox, fin-nota a fol. 909 tal-process (li tirreferi ghall-artijiet "Tal-Gebel l-Ahmar" **li huma tnejn**), l-atturi jirreferu ghal "tliet (3) bicciet" u jghidu li 'l-bicca ta' fuq li fiha kejl ta' 1213m.k.". Madanakollu, fuq il-pjanti a fol. 910 et seq hemm indikati biss iz-zewg porzjonijiet art maghrufa bhala "Tal-Gebel l-Ahmar" li t-tnejn jinsabu fit-Triq tax-Xatt. Jista' jkun li din l-ewwel bicca hija dik li suppost taqa' taht dan il-kap.'

Il-Qorti fin-nuqqas ta' informazzjoni ohra fl-atti tant voluminuzi ta' dan il-kawza dwar il-pretensjoni fuq din l-art fi Triq tax-Xatt, Nadur

tista' biss taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li din hija nkluza fl-art indikata bhala 'Tal-Gebel l-Ahmar'.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet seusposti, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li ghadhom vigenti sal-lum sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tiddeciedi t-talbiet attrici kif isegwi:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici u tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Francis u Rosa konjugi Buttigieg u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu fis-segwenti:

a. Art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tal-kejl ta' madwar elf u ghoxrin metri kwadri (1020m.k.). Din l-art fiha valur ta' seba' mitt Elf Euro (€700,000);

b. Art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tal-kejl ta' madwar elf u erba' mitt metru kwadru (1,400m.k.). Din l-art ghandha valur ta' erbatax-il Elf Euro (€14,000).

c. Art fil-lokal "ta' Grunju" fil-limiti ta' Nadur konsistenti f'erba' porzjonijiet art separati, wahda tal-kejl ta' 5330m.k u hija stmata hamsa u sebghin Elf Euro (€75,000); ohra fiha kejl ta' 5000m.k. b'valur ta' mija u tletin Elf Euro (€130,000); porzjoni ohra ta' madwar 334m.k. stmata tlett elef Euro (€3,000); ir-raba'

wahda fiha kejl ta' madwar 1790m.k. u hija stmata ghoxrin Elf Euro (€20,000).

d. Art "Ta' Dahlet Qorrot" tal-kejl ta' madwar elf tliet mija u sittin metri kwadri (1360m.k.) u stmata erba' mija u ghoxrin Elf Euro (€420,000).

e. Art fil-lokal "Tal-Gebel l-Ahmar" diviza f'zewg porzjonijiet tal-kejl rispettiv ta' madwar elf mitejn u ghoxrin metri kwadri (1220m.k.) u elf sitt mija u sittin metri kwadri (1,660m.k.) u stmati ghaxart elef Euro (€10,000) u ghoxrin Elf Euro (€20,000) rispettivament;

f. Id-dar numru 101, Triq Xandriku, Nadur. Dan il-fond gie stmat tletin Elf Euro (€30,000);

g. L-art fil-lokal tat-Tigrija, fl-inhawi ta' Wied Bingemma fil-limiti ta' Nadur tal-kejl ta' cirka 329m.k. stmata tlett elef Euro (€3,000).

2. Tilqa' t-tieni t-talba u tiddikjara li l-istess beni jappartjenu lill-kontendenti kif isegwi:

a. L-art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tappartjeni lill-kondividenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda Dokument CG2 a fol. 1038;

b. L-art fi Triq Sant'Andrija (qabel Triq Hatar) Nadur tappartjeni lill-kondividenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda Dokument CG2 a fol. 1038;

c. Ir-rikavat mill-artijiet fil-lokalità "ta' Grunju" fil-limiti ta' Nadur ghandu jigi ripartit billi 7.5% mir-rikavat totali ghandu jispetta lill-kontendenti fil-kwoti elenkati fid-dokument CG3 a fol. 1039 tal-process mentri l-kumplament (92.5%) ghandu jappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG2 a fol. 1038 tal-process.

d. L-art "Ta' Dahlet Qorrot" tappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG2 a fol. 1038 tal-process.

e. L-Art fil-lokal "Tal-Gebel l-Ahmar": L-ewwel porzjoni ("K") kienet l-oggett tal-kuntratti tal-1935 u ghalhekk tappartjeni lill-kondividenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG3 a fol. 1039; mentri l-parti l-ohra ("L") tispetta lilhom skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG2 a fol. 1038.

f. Id-dar numru 101, Triq Xandriku, Nadur tappartjeni lill-kontendenti skont il-kwoti elenkati fid-dokument CG5 a fol. 1283 tal-process.

g. L-art fil-lokal tat-Tigrija, fl-inhawi ta' Wied Bingemma fil-limiti ta' Nadur tispetta lill-kontendenti skont il-kwoti rizultanti mill-iskeda CG2 a fol. 1038.

3. Tiddikjara li jirrizulta ampju mill-atti li dawn il-beni mhumiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti w'ghaldaqstant filwaqt li tghaddi sabiex tichad it-tielet u r-raba' talba attrici tghaddi sabiex tilqa' l-hames talba attrici u konsegwentament tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dak il-bejgh jigi percepit bejn il-kontendenti skont il-kwoti ffissati u decizi aktar-il fuq.

4. Fir-rigward tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri nkluz tal-bejgh bil-licitazzjoni, apparti dawk gia decizi fis-sentenzi preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta datati l-10 ta' Awwissu 2009 u l-11 ta' Ottubru 2013, u peress li din hija kawza *familiae erciscundae,* tordna li dawn jigu sopportati mill-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom mill-beni in divizjoni.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur